# Tribunal Industrijali

## Decizjoni Numru 2725

**Kaz Numru: 3450/MD**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Luke Engerer (ID 350979M)**
**vs**
**International Fashion Company Limited (C-70771)**
**Bay Street Holdings Limited (C-12058)**
**Bay Street Operations Limited (C-69180)**
**Bay Street Hotel Complex (C-26451)**

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

Illum it-Tlieta 27 t'April, 2021

**Chairperson: Dr. Marouska Debono LL.D., M.A. in Law**

It-Tribunal,

**Introduzzjoni**

Ra illi r-rikorrent Luke Engerer ipprezenta l-kaz tieghu fit-18 ta' Frar tas-sena 2016 fejn irrileva illi:

1. Kien jahdem ma' wahda mis-socjetajiet intimati Bay Street Holdings Limited jew/u Bay Street Operations Limited jew/u Bay Street Hotel Complex Limited jew minn minnhom minn Gunju 2014 bhala Retail Manager;

2. F'dan l-irwol ta' Retail Manager, ir-rikorrent kien responsabbli minn numru ta' brands kif ukoll mill-marketing u l-public relations ta' dawn l-istess brands u b'hekk Engerer kellu numru ta' mpjegati fir-responsabilita' tieghu;

3. Is-socjeta' ntimata Bay Street Holdings Limited jew/u Bay Street Operations Limited jew/u Bay Street Hotel Complex Limited jew minn minnhom xtaqu jkabbru l-operat taghhom billi jakkwistaw franchising ta' brands ohra;

4. Sabiex ikun jista' jigi jintlahaq dan l-ghan, fis-26 ta' Mejju 2015 giet stabilita s-socjeta' International Fashion Company Limited;

5. Fil-verita’ s-socjetajiet intimati ghandhom l-istess diretturi u whud mill-istess azzjonisti;

6. Inoltre u dejjem ai fini li tilhaq l-ghan hawn fuq deskritt, is-socjeta’ ntimata International Fashion Compnay Limited ma setghetx takkwista dawn il-Franchise ta’ Brands jekk l-istess International Fashion Company Limited ma kinitx immexxija min-nies li kellhom esperjenza fir-retail u fil-moda;

7. Fil-fatt ir-rikorrent Luke Engerer kellu din l-esperjenza fil-kamp tar-retail u l-moda, u sabiex jakkomoda lis-socjeta’ ntimata Bay Street Holdings Limited jew/u Bay Street Operations Limited jew/u Bay Street Hotel Complex Limited jew minn minnhom, huwa accetta l-impjieg ta’ General Manager Retail mas-socjeta’ International Fashion Company Limited;

8. Luke Engerer nghata kuntratt ta’ mpjieg ta’ natura definita ma’ International Fashion Company Limited u dan minkejja li essenzjalment kien baqa’ jaghmel l-istess xoghol li kien jaghmel qabel, tant li anke nies li kienu fir-responabilita’ tieghu, baqghu fir-responsabilita’ tieghu meta gie mpjegat ma’ International Fashion Company Limited;

9. Ghalhekk u kif ser jigi ppruvat waqt il-kawza, n-natura tax-xoghol ta’ Luke Engerer kif ukoll in-nies li kienu jahdmu fir-responsabilita’ tieghu, baqghu essenzjalment l-istess u b’hekk l-impjieg tieghu jista’ jitqies wiehed ta’ natura kontinwa;

10. Fil-25 ta’ Novembru 2015 is-socjeta’ International Fashion Company Limited u/jew Bay Street Holdings Limited jew/u Bay Street Operations Limited jew/u Bay Street Hotel Complex Limited jew minn minnhom itterminaw l-impjieg tas-Sur Engerer minghajr kawza gusta u sufficjenti fi-ligi u dan billi uzaw l-iskuzant tal-probation wara li accetta li jiffirma kuntratt sabiex jghin l-istess socjetajiet intimati.

Ghaldaqstant ir-rikorrent Luke Engerer jitlob lil dan it-Tribunal sabiex jiddikjara li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-istess Luke Engerer saret bi ksur tal-ligi u b’hekk jiffissa kumpens adegwat minhabba tali terminazzjoni ngusta.

Ra r-risposta wahdanija pprezentata mis-socjetajiet intimati nhar it-18 t’Ottubru 2016 teccepixxi s-segwenti:

1. Illi din ir-Risposta qed issir ghat-talba pprezentata mir-rikorrent Luke Engerer fil-konfront tal-erba’ (4) rispondenti flimkien sabiex dan l-Onorabbli Tribunal “jiddikjara li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-istess Luke Engerer saret bi ksur tal-ligi u b’hekk jiffissa kumpens adegwat minhabba tali terminazzjoni ngusta”.

2. Illi, preliminarjament, is-socjetajiet rispondenti, in kwantu tali talba saret fil-konfront taghhom ukoll u in kwantu t-talba tar-rikorrent Luke Engerer fuq iccitata lanqas biss ma giet preceduta b'talba ohra sabiex dan l-Onorabbli Tribunal, f'kaz ta' dubju (li f'dan il-kaz assolutament ma hemmx) jiddikjara min mill-erba' socjetajijet imharrka tterminat l-impjieg tieghu (allegatament) bi ksur tal-ligi, jecepixxu n-**nullita'** tal-att promotur u tal-proceduri stitwiti mill-imsemmi Luke Engerer u dan in vista tal-konsiderazzjoni illi d-dritt moghti lill-haddiem bil-provvedimenti tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jipprocedi sabiex jottjeni dikjarazzjoni ta' tkeccija ngusta huwa esperibbli **biss** fil-konfront tal-employer ta' tali haddiema, u ta' hadd izjed. Issa, fil-kaz odjern, ir-rikorrent Luke Engerer istitwixxa dawn il-procedui kontra erba' (4) socjetajiet kummercjali differenti u dan meta huwa principju bazilari illi haddiem ma jistax ikollu hlief employer wiehed, u mhux erbgha (4). Oltre dan, u aghar minn hekk, din il-kawza nfethet kontra l-erbgha (4) socjetajiet flimkien u kumuluttivament u t-talba tar-Rikorrent Luke Engerer sabiex dan l-Onorabbli Tribunal "jiddikjara li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-istess Luke Engerer saret bi ksur tal-ligi u b'hekk jiffissa kumpens adegwat minhabba tali terminazzjoni ngusta" hija ndirizzata fil-konfront tal-erba' (4) socjetajiet rispondenti flimkien u mhux b'mod alternattiv. Konsegwentement, l-att promotur u l-proceduri stitwiti mir-rikorrent Luke Engerer ghandhom jigu dikjarati bhala **nulli u bla effett.**

3. Illi, in linea preliminari wkoll, u sussidjarjament u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent ma kellu assolutament ebda dritt li jistitwixxi dawn il-proceduri stante illi mat-terminazzjoni tal-impjieg tieghu huwa ffirma dikarazzjoni cara illi huwa m'ghandu ebda drittijiet u/jew pretensjonijiet ohra ta' kwalsiasi natura fil-konfront tal-employer tieghu – s-socjeta' rispondenti International Fashion Company Limited. Tali dikjarazzjoni datata l-1 ta' Dicembru, 2015 qed tigi annessa bhala Dok. 'A'. Konsegwentement, ir-rikorrent Luke Engerer ma kellu u m'ghandu l-ebda dritt illi jistitwixxi dawn il-proceduri fil-konfront ta' employer tieghu International Fashion Company Limited (li fil-fatt hija l-unika socjeta' li possibilment setghet kienet il-legittimu kontradittur f'dawn it-tip ta' proceduri).

4. Illi, in linea preliminari wkoll, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in-**nullita**' tal-att promotur stante illi jikkontjeni dikjarazzjonijiet ghal kollox skorretti u nveritjieri kif se jigi ampjament pruvat.

5. Illi b'riferenza ghall-ewwel premessa kontenuta fl-att promotur, ir-rikorrent Luke Engerer jaf ben tajjeb illi huwa kien impjegat bhala Retail Manager mas-socjeta' Bay Street Hotel Complex Limited (C-26451) u dan in forza ta' kuntratt ta' mpjieg ghal zmien definit datat 5 ta' Gunju, 2014 – kopja ta' liema qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'B'. Konsegwentement l-ewwel premessa tar-rikorrent illi huwa "kien jahdem ma' wahda mis-socjetajiet intimati Bay Street Holdings Limited jew/u Bay Street Operations Limited u/jew Bay Street Hotel Complex Limited jew min minnhom minn Gunju 2014 bhala Retail Manager minn Gunju, 2014" hija kompletament skorretta u fallaci.

6. Illi, bl-istess mod, huma ghal kollox skorretti u fallaci t-tielet u r-raba' premessa tal-att promotur prezentata mir-rikorrent Luke Engerer fis-sens illi "s-socjeta' ntimata Bay Street Holdings Limited u/jew Bay Street Operations Limited u/jew Bay Street Hotel Complex Limited xtaqu jkabbru l-operat taghhom billi jakkwistaw franchising ta' brands ohra" u "illi sabiex jintlahaq dan l-ghan fis-26 ta' Mejju, 2015 giet stabbilita s-socjeta' "International Fashion Company Limited". Dan ghaliex is-socjeta' Bay Street Hotel Complex Limited illi maghha kien impjegat ir-rikorrent Luke Engerer bhala Retail Manager in forza tal-kuntratt tal-5 ta' Gunju, 2014 u s-socjeta' International Fashion Company Limited li maghha gie mpjegat ir-rikorrent Luke Engerer bis-sahha tal-kuntratt ta' mpjieg datat 16 ta' Gunju, 2015 huma ghal kollox separati u distinti minn xulxin – is-socjeta' Bay Street Hotel Complex Limited kellhom, fil-puncto temporis in kwistjoni, lil George Muscat (ID No: 312355M), Paul Camilleri (ID No: 280457M), Bay Street Holdings Limited (C12058) u Fiorella Company Limited (C7608) bhala azzjonisti taghha u lill-istess George Muscat u Paul Camilleri bhala diretturi u r-rikorrent Luke Engerger kien gie ngaggat sabiex jagixxi bhala Retail Manager tal-hanut bl-isem 'Bortex' illi jbiegh l-ilbiesi, qomos u accessorji tal-irgiel fil-Livell 2 tal-Bay Street Tourist Complex. Min-naha l-ohra, s-socjeta' International Fashion Company Limited, fiz-zmien meta gie ngaggat ir-rikorrent Luke Engerer bhala Retail Manager, ma kellha assolutament ebda konnessjoni mall-hanut 'Bortex' li kien u baqa' operat mis-socjeta' Bay Street Hotel Complex Limited. Oltre dan, l-azzjonisti tas-socjeta' International Fashion Company Limited fiz-zmien tal-ingagg tar-rikorrent kienu Managing and Consultancy Limited, Fiorella Company Limited u P. Borg and Son Holding Limited u d-diretturi kienu David Debono, George Muscat, Paul Camilleri, Peter Borg, Alexandra Borg u Sam Borg u r-rikorrent Luke Engerer kien gie ngaggat bhala 'General Manager Retail' sabiex imexxi hanut gdid bl-isem 'IQ' f'livell 0 tal-Bay Street Tourist Complex li m'ghandu assolutament ebda konnessjoni mall-hanut 'Bortex' u jbiegh hwejjeg tad-ditti differenti u kompletament distinti minn dawk li jbieghu fil-hanut 'Bortex'.

7. Illi ghalhekk, konsegwentement, l-ingagg tar-rikorrent Luke Engerer bhala 'General Manager Retail' mas-socjeta' rispondenti International Fashion Company Limited permezz tal-kuntratt ta' mpjieg ghal zmien definit 16 ta' Gunju 2015 jikkonstitwixxi kuntratt ta' mpjieg gdid u kompletament distint mill-kuntratt ta' mpjieg illi kellu precedentement ir-rikorrent Luke Engerer bhala 'Retail Manager' tas-socjeta' Bay Street Hotel Complex Limited u kwindi l-provvedimenti tal-Legislazzjoni Sussidjarja 452.85 (Regolamenti dwar Harsien tal-Impjiegi fit-Trasferiment ta' Negozju) ma japplikawx ghall-kaz odjern.

8. Illi, sussidjarjament u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, anke kieku l-impjieg tar-rikorrent ma giex itterminat waqt il-perjodu tal-probation kif fuq imfisser, is-socjeta' rispondenti International Fashion Company Limited kien ikollha ragunijiet validi u sufficjenti fil-ligi sabiex tittermina l-impjieg tar-rikorrent, u dan kif ser jirrizulta ampjament, jekk ikun il-kaz, waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ra li t-Tribunal diversament presedut ta decizjoni preliminari datata 3 ta' Mejju 2019 fejn qal:

> Ghaldaqstant, f'kaz fejn ir-relazzjoni ta' xoghol u ta' mpjieg bejn persuna naturali u Socjeta' kif kostitwita bil-Personalita' Legali u Guridika, fil-kaz tas-Socjeta' irid l-ewwel u qabel kollox ikun stabbilit,

> minghajr ebda dubju, **min kien tabilhaqq il-Principal** meta saret l-allegata tkeccija ingusta.
>
> Din id-decizjoni ma jehodiex u m'ghandux u ma jistax johodha it-Tribunal Industrijali.
>
> …
>
> It-Tribunal Industrijali m'ghandux il-ghan u seta' li jidhol f'dan il-mertu.
>
> Għaldaqstant it-Tribunal Industrjali qed jirreferi formalment li din id-Deċiżjoni Preliminari tgħaddi għall-iskrutinju u l-investigazzjonijiet meħtieġa bis-setgħat mogħtija lid-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali skont ma jelenka u jipprovdi ic-Charter Pubbliku tad-Drittijiet u Dmirijiet fuq il-post tax-xogħol bir-remedji provduti.

Ra li d-decizjoni preliminari giet appellata liema appell gie deciz fit-8 t' Ottubru 2019[1] fejn il-Qorti tal-Appell laqa' l-appell u ħassar id-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali tat-3 ta' Mejju, 2019 u baghat l-atti lura quddiemu sabiex jiddeċiedi l-kawża skont il-liġi. Spejjeż a karigu tal-konvenuti.

Ra x-xhieda prodotta mill-partijiet.

Ra l-affidavits prodotti.

Ra d-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet finali mressqa mill-partijiet u t-trattazzjoni verbali li saret mill-partijiet.

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**<u>Fatti fil-Qosor</u>**

Illi permezz ta' kuntratt ta' mpieg tal-5 ta' Ġunju, 2014 li ffirmaw ir-rikorrent u Bay Street Hotel Complex Limited, ir-rikorrent sar impjegat ta' dik il-kumpannija fil-kariga ta' Retail Manager. L-impieg kien għall-perjodu ta' sena. Fil-kuntratt jingħad li l-ewwel post fejn kien ser jaħdem ir-rikorrent kien ġewwa Bay Street Hotel Complex, San Ġiljan "without prejudice to the right of said employer to designate any other place administered by iself in addition or substitution thereof".

Illi permezz ta' kuntratt ta' mpieg li ffirmaw ir-rikorrent u International Fashion Company Limited fis-16 ta' Ġunju 2015, ir-rikorrent kien ingaġġat għall-perjodu definit ta' tmintax-il xahar li beda fis-17 ta' Ġunju, 2015. L-impieg kien ta' General Manager Retail u skont il-kuntratt ir-rikorrent kellu jibda jaqdi d-dmirijiet tiegħu f'Bay Street Hotel Complex f'San Ġiljan. Skont dan il-kuntratt ta' mpieg l-ewwel sitt xhur kienu probationary period.

F'Novembru, 2015 International Fashion Company Limited itterminat l-impieg tar-rikorrent, meta skont il-kuntratt tas-16 ta' Ġunju, 2015 kien għadu ma skadiex il-probationary period.

Fl-1 ta' Diċembru, 2015 ir-rikorrent iffirma dikjarazzjoni li kien irċieva mingħand International Fashion Company Limited is-somma ta' €2,011.15 *".... in full and final settlement of wages salaries and bonuses relative to my employment with the Company which was terminated on the 25th November, 2015. I further declare that I have received the said payment in full and*

[1] Appell Nru: 41/2019 deciz mill-Imhallef Dr. Anthony Ellul.

*final settlement and that I have no further claims and/or pretences of whatsoever nature against the Company*".

Ir-rikorrent qiegħed jippretendi "…. somma daqs nofs il-paga kollha li għaliha huwa kien ikollu jedd kieku huwa baqa' fis-servizz għall-bqija taż-żmien hekk espressament miftiehem".[2]

Fis-17 ta' Frar, 2016 ir-rikorrent ippreżenta l-kawża fejn qiegħed jallega li t- terminazzjoni tal-impieg saret bi ksur tal-liġi u talab lit-Tribunal Industrijali sabiex jiffissa kumpens għat-terminazzjoni nġusta. Ir-rikorrent qiegħed isostni li International Fashion Company Limited żbaljat meta tterminatlu l-impieg għaliex l-impieg li kellu ma' Bay Street Hotel Complex Limited kien ġie trasferit għal ma' International Fashion Company Limited, u dan skont ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Impiegi fit-Trasferiment tan-Negozju (L.S. 452.85).

## Xhieda fil-Qosor

Ra l-affidavit ta **Edward Agius**[3] li qal jokkupa l-kariga ta' Chief Financial Officer (CFO) tal-Kumpless 'Bay Street' f'San Giljan. Ilu nvolut mall-kumpless Bay Street mill-bidu tas-sena 2015 u jaghmel xoghol relatat ma' finanzi u rizorsi umani. Luke Engerer kien impjegat bhala Retail Manager mas-Socjeta' Bay Street Hotel Complex Limited b'kuntratt ta' mpjieg ghal zmien definit datat 5 ta' Gunju 2014 u xogholu kien bhala Retail Manager tal-hanut 'Bortex' li jinsab livell 2 tal-Bay Street Complex. Minn verifiki li ghamel ikkonferma li Luke Engerer qatt ma kellu ebda kuntratt ta' mpjieg fl-ebda zmien mall-Kumpaniji Bay Street Holdings Limited u Bay Street Operations Limited. Il-kumpaniji Bay Street Hotel Complex Limited u International Fashion Company Limited huma separati u distinti minn xulxin tant li m'ghandhomx l-istess operat u l-azzjonisti u d-diretturi taghhom huma differenti u dan kif jista' jigi verifikat mir-registru tas-socjetajiet. Fir-rigward tal-operat spjega li Bay Street Hotel Complex Limited ghandha zewg frieghi principali (dak iz-zmien u li issa ghandha tlieta), li huma:

(i) L-operat tal-lukanda Be.Hotel li tifforma parti mill-kumpless;

(ii) L-operat tal-hanut 'Bortex' illi l-impjegati kollha tieghu nkluz Luke Engerer huma mpjegati ma' Bay Street Hotel Complex Limited.

(iii) (Li zdiedet illum filwaqt li dak iz-zmien ma kienx) tiggestixxi ristorant bl-isem 'Fornelli' li jinsab f'Livell 4 tal-kumpless.

International Fashion Company Limited kienet tiehu hsieb l-hanut bl-isem 'IQ' fil-livell 0 li kien hanut gdid u Luke Engerer, wara li gie tterminat l-impjieg tieghu ma' Bay Street Hotel Complex Limited, kien gie mpjegat bhala General Manager Retail sabiex imexxi dan il-hanut.

Il-hwienet 'IQ' u 'Bortex' m'ghandhomx konnessjoni ma' xulxin, ghandhom impjegati differenti, ghandhom VAT number differenti, ghandhom Income Tax Number differenti, l-accounts taghhom jinzammu b'mod kompletament separati u distinti minn xulxin. Huma owned minn kumpaniji differenti b'shareholders u direttur differenti.

Ikkonferma li Luke Engerer kien impjegat bhala 'General Manager Retail' ma' International Fashion Company Limited permezz tal-kuntratt ta' mpjieg ghal zmien definit datat 16 ta' Gunju 2015. Dan kien kuntratt ta' mpjieg u kompletament distint mill-kuntratt ta' mpjieg li huwa kellu qabel bhala 'Retail Manager' tas-socjeta' Bay Street Hotel Complex Limited.

---

[2] Nota ta' sottomissjonijiet tar-Rikorrent

[3] A fol 49 tal-process

L-impjieg ta' Luke Engerer ma' International Fashion Company Limited gie tterminat waqt li hu kien waqt il-perjodu ta' *probation*.

Hu personalment kien cempillu biex imur jigbor il-hlas li kien ghadu dovut lilu. Kienu ltaqghu fil-kumpless u kien tah *cheque* u dikjarazzjoni datata l-1 ta' Dicembru 2015, Engerer qraha quddiemu kien qallu li kien fehem x'kien hemm miktub u li ma kellux oggezzjoni ghal dak li kien hemm miktub u ma kellu l-ebda diffikulta' jew rizerva biex jiffirmaha, kif filfatt ghamel.

Ikkonferma li d-dikjarazzjoni Engerer iffirmaha minn jeddu, minghajr ebda pressjoni jew indhil. Fl-ebda mument la qal u lanqas ta x'jifhem lil Engerer li jekk ma jiffirmax id-dikjarazzjoni ma kienx ser jghaddilu c-cheque tal-hlas dovut.

Ra' l-affidavit ta' **David Debono**[4] fil-kariga ta' Kap Ezekuttiv (CEO) tal-kumpless 'Bay Street' f'San Giljan. Engerer kien impjegat bhala Retail Manager mas-socjeta' Bay Street Complex Limited b'kuntratt ta' mpjieg datat 5 ta' Gunju 2014, tal-hanut bl-isem 'Bortex' fil-Livell 2 ta' Bay Street Tourist Complex. L-operat tal-hanut huwa gestit mis-Socjeta' Bay Street Hotel Complex Limited. Huwa qatt ma kellu ebda kuntratt ta' mpjieg fl-ebda zmien mall-kumpaniji Bay Street Holdings Limited u Bay Street Operations Limited li kontrihom fetah din il-kawza. Il-kumpaniji Bay Street Hotel Complex Limited u International Fashion Company Limited huma kompletament separati u distinti minn xulxin.

Meta Engerer inghata kuntratt ta' mpjieg ma' International Fashion Company Limited l-azzjonisti ta' Bay Street Hotel Complex Limited kienu George Muscat, Paul Camilleri, Bay Street Holdings Limited u Fiorella Company Limited filwaqt li d-Diretturi kienu George Muscat u Paul Camilleri. L-azzjonisti ta' International Fashion Company Limited kienu Managing and Consultancy Limited, Fiorella Company Limited u P. Borg and Son Holding Limited filwaqt li d-Diretturi kienu David Debono, George Muscat, Paul Camilleri, Peter Borg, Alexandra Borg u Sam Borg.

Filwaqt li fl-impjieg ta' Engerer ma' Bay Street Hotel Complex Limited ix-xoghol u d-dmirijiet kienu ta' Retail Manager tal-hanut 'Bortex' li kien jinsab f'livell 2 ta' Bay Street Tourist Complex, wara li gie tterminat huwa kien gie mpjegat mas-Socjeta' International Fashion Company Limited ix-xoghol u d-dmirijiet tieghu kienu bhala 'General Manager Retail' sabiex imexxi hanut gdid bl-isem 'IQ' fil-livell 0 gewwa l-istess kumpless.

L-ingagg ta' Engerer bhala 'General Manager Retail' ma' International Fashion Company Limited permezz ta' kuntratt ta' mpjieg ghal zmien definit datat 16 ta' Gunju 2015 kien kuntratt ta' mpjieg gdid u kompletament distint mill-kuntratt ta' mpjieg li kellu qabel bhala 'Retail Manager' mas-Socjeta' Bay Street Hotel Complex Limited.

L-impjieg ta' Engerer ma' International Fashion Company Limited kien gie tterminat waqt li kien ghadu waqt il-perjodu tal-*probation*. Kien hemm anke ragunijiet validissmi biex l-impjieg tieghu jigi tterminat kieku ma kienx ghadu taht *probation* minhabba l-agir u l-attegjament tieghu li anke kien jammonta ghal insubordinazzjoni u nuqqas ta' lealta lejn l-*employer* tieghu, specjalment meta kien gie tterminat l-impjieg ta' certa Lorraine Sammut li kienet qed taghmel hsara kbira u minflok zamm mall-*employer* tieghu, kien sfaccatament zamm maghha ghax kienet habiba tieghu u kien hu li kien impjegaha.

Engerer kien iffirma dikjarazzjoni datata l-1 t'Ottubru 2015 li kien qed jircievi s-somma dovuta lilu ta' Eur 2,011.15 "in full and final settlement". Qal ukoll li "I further declare that … I have no further claims and/or pretences of whatsoever nature against the Company." Din id-dikjarazzjoni kien ffirmaha quddiem Edward Agius fil-kariga ta' Chief Financial Officer.

---

[4] A fol 50 tal-process.

Ra x-xhieda ta' **Luke Engerer**[5] fejn qal li David Debono kien cempillu ghaliex huma kienu jahdmu flimkien gewwa l-Excelsior fis-sena 2008. Kellu kuntratt ma' Bay Street Hotel Complex Limited. Huma kienu joperaw il-Bortex ta' Bay Street, kellhom agreement mall-Bortex li jigi operat minn Bay Street bhala staff u operation hours u l-istock ikun taghhom, ta' Bortex u kellhom arrangement u hu kien ser ikun inkarigat ukoll biex jiehu hsieb l-operat ta' Bortex ta' Bay Street ukoll. Iltaqa' mad-Diretturi George Muscat u Paul Camilleri u offrewlu posizzjoni ta' Retail Manager ghal Bay Street, b'kuntratt definit ta' sena, liema kopja ta' tali kuntratt huwa m'ghandux[6]. Ic-cheque tal-paga kien johrog minn Bay Street Complex Limited. Fir-rigward tal-ahhar payslip[7] juri li hareg minghand Bay Street Hotel Complex. Huwa beda jahdem fil-15 ta' Gunju 2014 mall-Bortex billi kien jopera d-day to day tal-hanut tal-Bortex u bdew ifittxu d-ditti biex jifthu hanut iehor li kien fil-kumpless ukoll. Sabu agent l-Italja u kien tela' ghan-negozjati David Debono. Fil-bidu kienu ser jaghzlu d-ditta Superdry imma ma rnexxewx u sabu tlett ditti ohra minghand l-istess supplier l-Italja u fethu multi-brand fil-kumpless ta' BayStreet stess jismu IQ, liema ditti kienu Bensherman, Nudi Jeans u Alternative Apparel. Kienu sabu supplier lokali wkoll li kien agent ghal Scotch and Soda ditta ohra u kellhom nofs il-hanut bil-hwejjeg tieghu u kienu fethuh f'Novembru tas-sena 2014. Hu kien involut direttament fin-negozjati, u kien tela' ma' David Debono sabiex jaghmel l-ewwel ordni.

F'Novembru 2014 infetah il-hanut IQ, li kien multi-brand shop. L-impjegati kienu mpjegati minn Bay Street Hotel Complex u l-flus tal-*istock* hareg mill-Bay Street Hotel Complex ukoll. F'Novembru kienu dahhlu lil Lorraine Sammut li kienet ir-Retail Co-ordinator, Claire Barbara li kienet is-Supervisor ghal-IQ u Ivor Margus li kien Supervisor ghal IQ u xi tlett part-timers bhala Sales Assistants ma' Claire u Ivor. Lorraine kienet taghmel hafna Administration bhala Rosters u affarijiet hekk u kienet ukoll tahdem gol-hwienet, sa dak iz-zmien Bortex u IQ. Bortex kellu staff ta' bejn ghaxra u tnax u IQ forsi kellu bejn erbgha u hamsa. Huwa kien involut fid-decizjoni ta' l-istess jekk jigux impjegati. Kien jintervistahom ukoll.

Huwa kien jahdem go stabiliment iehor kemm ma' Lorraine Sammut kif ukoll ma' Claire Barbara u Ivor Margus. Il-part-timers ma kienx jafhom qabel. L-ewwel tlett persuni imsemmija kienu head hunted min-naha tieghu, u s-Sales Assitants u l-part-timers baghtu fuq reklami fuq Facebook. Id-decizjoni ahharija kienet tieghu, tad-Diretturi u tas-CEO. Meta kien jintervista lin-nies kien jaghmel il-kummenti tieghu u r-rakkomdazzjonijiet tieghu u jghaddihom lid-Diretturi. Dan kien isir iktar ma' David Debono u gieli waqt Board Meeting, gieli waqt kafe'. Jekk wiehed ifittex fir-rekords mhux ha jsib kif graw ghaliex ma kienux daqshekk formali.

Hafna drabi David Debono kien jghidlu "Jekk tahseb li tajba ghal, go ahead". Imbaghad il-kuntratt johrog minn Bay Street Hotel Complex, u jiffirmah Debono. Hu kien in charge tal-ghaxra tal-istaff tal-Bortex li bazikament kienu jahdmu IQ ukoll.

Lejn Frar tas-sena 2015, Debono kien kellmu li kien hemm hsieb li jifthu it-tieni hanut tal-Bortex hemmhekk fil-kumpless, bl-istess arrangament li diga kien hemm mall-Bortex, imma kien hemm l-ispazju faccata tal-hanut li diga kien jezisti u kienu ser jifthu hanut faccata daqsu, qisu forsi kemm kemm izghar biex ikun hemm iktar floor space bazikament. Dan kien ippjanat ghal Marzu u ghalhekk bejn Frar u Marzu bdew jahdmu fuq dak il-hanut tal-Bortex u f'dak iz-

[5] Xhieda datata il-Gimgha 20 ta' Jannar 2017

[6] Gie esebiet mis-Socjetajiet Intimati; datat 5 ta' Gunju 2014 bejn Bay Street Hotel Complex Limited u Luke Engerer a fol 36 et seq tal-process.

[7] Immarkat bhala LE4 fil-process.

zmien dahhal lil Michelle Hili bhala Supervisor il-Bortex, u kien kellimha hu. Joanne Bridge li kienet Supervisor mieghu t-Tommy Hilfiger dahlet fuq Reduced Hours bhala Assistant Supervisor u Romina Lovegrove li kien jafha minn qabel dahlu jahdmu l-hanut il-gdid tal-Bortex, li kienu jsehulu Bortex 2.

F'April Debono kien kellmu u kien qallu li Bortex kien ha jibghatu Manager maghhom biex jopera l-hwienet Bay Street u ma kienx ser ikollu involvement mall-Bortex, igifieri kienet gejja Manager impjegata mall-Bortex stess. Huwa kellu relazzjoni tajba ma' Debono, u kellhom laqghat fejn kienu formali u laqghat fejn ma kienux. Fuq dan partikolari jidhirlu li saret go xi board room izda ma jidhirlux li hemm xi decizjoni bil-miktub fuqha. Din id-decizjoni ma kienx hadha tajjeb u kien iddizappuntat ghaliex hafna mill-istaff li kien dahhal, kien dahhalhom jahdmu mieghu ghax kienu tajbin, u kien kellimhom fuqha. Debono kien qallu li ghandhom bzonn lil xi hadd iffukat fuq dawk il-hwienet biss u li jkun jista' jiddedika daqsxejn iktar hin ghall-Bortex wahdu bhala ditta.

Wara li waqfu minn Bortex bdew jahdmu fuq ditti godda li forsi jkunu potenzjali ghall-market taghhom u Debono kellu proposta minghand il-Cortefiel, ditta Spanjola li ghandhom il-Cortefiel u Women's Secrets u xi ditti ohrajn izda huma kienu qed jiffukaw fuq dawk it-tnejn. Ghamlu business plan u proposals. Debono tela' Spanja jiltaqa' maghhom u ghamel in-negozjati huwa. F'Mejju tas-sena 2015, meta kien fadallu biss xahar fuq il-kuntratt li kellu bhala Retail Manager mall-Bay Street Complex, Debono kien kellmu u kien qallu li kienu kuntenti bix-xoghol tieghu u li xtaqu li jiehu iktar responsabilita' la jifthu l-hwienet il-godda u offrielu promozzjoni ghall-General Manager tar-Retail Division. F'Mejju stess tela' Spanja u James Davies u marru jaghmlu tahrig fuq il-brands u jiddiskutu l-floor plans u l-logisitika tat-trasport tal-ghamra u kollox, peress li kienet franchise. Meta wasal lura, Debono spjegalu li ser ikun hemm partner iehor fuq ir-Retail Division u li dawn il-hwienet ser jinfethu fuq International Fashion Company Limited peress li z-zewg partners ta' Bay Street kienu ser idahhlu t-tielet partner u l-kuntratt tieghu kien ser isir taht International Fashion Company Limited bhala General Manager.

Kienet dahlet tahdem maghhom ukoll it-tifla tad-direttur George Muscat, Cleona Muscat. Dahlet tahdem f'Settembru u cioe' bejn erba' u hames gimghat qabel ma nfethu l-hwienet. Hi dahlet bhala Assistant Supervisor ghax sa dak iz-zmien il-posizzjonijiet kienu kollha mimlijin u ghal dsatax-il sena li kellha kienet posizzjoni tajba ghaliha. F'Ottubru fethu z-zewg hwienet, Coreteffiel kellu staff ta' 9 u Woman's Secret kellu hamsa. Cleona kienet qed tahdem gewwa iz-zewg hwienet filwaqt li Lorraine Sammut kienet impjegata minn Novembru 2014 bhala Brand Manager ghal Women's Secret ukoll. Mill-istaff li kellu jahdmu mieghu l-Bortex dahlu jahdmu mieghu ukoll Corteffiel. Minn Bortex imxew gol-hwienet l-ohra u kienu jahdmu full-time f'dawk il-hwienet.

Fl-20 ta' Novembru 2015 dahlet Lorraine Sammut l-ufficju tieghu u qaltlu li kienu ghadhom kif waqqfuha u kellha security maghha sabiex jeskortaha barra. Kellha zewg minuti biex tkellmu, taghtu l-affarijiet li kellha ttih. Wara mar l-ufficju ta' Debono u qallu kemm kien dizappuntat li trattaw lil xi hadd hekk u li jmisshom jisthu li ilha sena maghhom u xahrejn jew tlett xhur tahdem maghhom u vera kienet hadmet. Staqsiehom ghaliex ma kienux qalulu qabel kienet tahtu. Hemm regolamenti miktubin. Kien hemm prezenti Debono u Edward Camilleri Bonnici, li kien il-Financial Controller. Bhala General Manager ghandu jkun jaf x'hinu jigri. Qalilhom li ma kienx jaqbel li jkeccu lil xi hadd hekk u Debono kien qallu li ghandha attitudni hazina.

Dakinhar stess ghal habta tal-hamsa u nofs ta' filghaxija kien cempillu George Muscat li fost ghajjat u kien naqra oxxen mieghu, qallu li kulhadd kien dar kontra t-tifla tieghu u li mhux sew li kienet tmur id-dar tibki kuljum. Huwa beda jghajjat ghax kien emozzjonat. George Muscat jew Cleona bdew jahsbu li kulhadd dar kontriha ghax tkecciet Lorraine Sammut. Kienet ilha tahdem mall-istaff u kien hemm min kien dizappuntat ghax tkecciet u hasbu li kien hemm kwistjoni bejnha u bejn Cleona li jekk kien hemm hu ma kienx jaf bih. Il-kliem ta' George Muscat dakinhar kien jew tahdmu maghha jew kontriha.

Engerer kompla[8] li l-ghada filghodu kienet cemplitlu Cleona Muscat ghal xi l-9.45am tibki u qaltlu li wahda mit-tfajliet hallitilha mazz hwejjeg fuq il-counter mhux mitwijin u kienu qed jaghmlulha hekk apposta. Staqsiha jekk ghandhomx xi haga fejn qaltlu li mhux mitwijin u m'ghamluhomx f'posthom, fejn irrispondiha biex ma tinkwetax. Ghaxar minuti wara cempillu Debono li qallu li ma kienx kuntent kif kien kellem lil Cleona. Kien qallu li kellu wahda mis-Senior Managers tibki u hu kien ha n-naha tal-impjegat. Engerer qallu li mhux hekk kienet l-istorja u kien sejjer hdejh fejn kien qallu biex ma jmurx u li kien sospiz sakemm jiddeciedu x'kienu ser jaghmlu bih. Xi erbat'ijiem wara kien cempillu Edward Agius li kien il-Financial Controller tal-International Fashion Company Limited u qallu biex jiltaqghu l-Erbgha, kienu ghaddew erbat'ijiem meta cempillu Edward. L-Erbgha ltaqghu fil-Boardroom ta' Bay Street u kien hemm Debono u Edward Camilleri Bonnici, li kien il-Financial Controller ta' Bay Street Hotel filwaqt li Edward Agius kien il-Financial Controller ta' International Fashion Company Limited, imma Edward Agius ma kienx prezenti ghal din il-laqgha. Huma qalulu li ser jitterminawh on probation. Qalulu li ghandu l-opportunita' jew li jirrezenja huwa jew iwaqqfuh huma. Qalilhom li jistghu jitterminawh ghaliex hu m'ghandux mohh li ser jirrezenja. Qalulu li ma tidhirx tajba fuq l-ETC fuq il-Job History tieghu u hu rrisponda li mhux problema ghalih u li jistghu iwaqqfuh. Tahom ic-cwievet tal-garage, tahom ic-cwievet tal-hwienet, kien hemm xi affarijiet li halla l-ufficju u telaq. Hallewha hekk. Mis-Sibt ghat-Tlieta hu kien assuma li ser iwaqqfuh. Kien dizappuntat imma kien qed jistenniha.

Gimgha wara kien cempillu Edward Agius u qallu li jista' jigbor il-paga. Kellu paga ta' gimghatejn ghax kien qisu nofs ix-xahar ta' Novembru, ltaqa' mieghu fir-raba' sular ta' Bay Street fit-Terrace (Cafeteria) ghax iltaqghu barra u kellu c-cheque u karta li qallu "Qabel ma ntik il-paga trid tiffirma din fuq Full and Final Settlement."[9] Qallu li ma riedx jiffirmah fejn Agius kien qallu li jekk mhux ser jiffirmah ma jistax itih il-paga, u dan ghax dawk kienu l-ordnijiet li kellu. Huwa kien iffirmaha ghax kellu bzonn il-flus, habba kera, loans, repayments u ried jiekol.

Hadd ma sfurzah biex jiffirma d-dokument .[10] Iffirmah izda ghax biex jiehu c-cheque kellu jiffirma d-dokument. Ma staqsiex lil Edward Agius minn fejn kienu gejjin l-ordnijiet. Kellu pressjoni finanzjarja. Is-sitwazzjoni kienet a 'matter of fact', jekk ma jiffirmax id-dokument ma jistax itih il-paga dakinhar. Ma kienetx menancing. Kellu bzonn l-elfejn Euro ghax kien ghadu kemm gej minn vaganza, ghandu l-kera, irid ihallas l-ikel, u kontijiet kien ihallashom hu wkoll. Dak iz-zmien ma kellux avukat. Lil Edward Agius qallu darbtejn li ma jridx jiffirmah. L-inkontru dam bejn kwarta u ghoxrin minuta.

[8] Xhieda moghtija fis-7 ta' April 2017
[9] Ikkonferma d-dokument pprezentat a fol 35 tal-process
[10] Kontro-ezami ta' Luke Engerer datat 7 ta' April 2017

Fil-konfront bejn Edward Agius u Luke Engerer[11] saret referenza ghax-xhieda ta' Engerer[12] u l-affidavit ta' Agius[13] saret referenza ghal-laqgha li kien hemm fejn giet iffirmata d-dikjarazzjoni u ttiehed ic-cheque u gie rrilevat li hemm zewg verzjonijiet differenti. Kemm Agius u kemm Engerer ikkonfermaw illi f-din il-laqgha kienu prezenti huma biss.

Edward Agius qal li ltaqghu fir-4 sular, ezatt fejn hemm l-escalator ta' Bay Street. Kien hemm bicca cinta fejn pogga l-karta u gew hdejn xulxin bil-wieqfa. Qal lil Engerer li ghandu c-cekk u karta. Meta staqsieh x'hini qallu dik intuha kwazi lil kulhadd metta jitterminaw l-impjieg. Engerer qraha, qallu li ma jsib l-ebda problema biex jiffirmaha ghax ma riedx problemi u ffirmaha u ha c-cekk.

Engerer qabel li kienu fir-raba sular, u kien hemm cinta bil-karti. L-ewwel Agius tah il-karta u qallu trid tiffirma din il-karta fejn staqsieh x'hini. Qraha u fehma. Agius qallu jekk ma jiffirmahiex ma jistax itih il-paga.

Agius cahad.

Engerer kompla li staqsieh ghalfejn u Agius wiegbu ghax dawk huma l-ordnijiet tieghu. Qallu "Le, mhux ha niffirmha. Ma rridx niffirmha. Ghad ma kelliex cans inkellem lil hadd fuq."

Agius qal li m'hijiex ir-realta. Qal li r-realta' hi li ma kien l-ebda problema dakinhar. Il-kliem ezatt li hareg minn halq Engerer kien li ma jridx problemi mall-kumpanija u kien iffirmaha. Ma kien hemm l-ebda oggezzjoni dakinhar li tigi ffirmata l-karta u hu qatt ma hedded lil hadd li jekk ma jiffirmax dik il-karta tat-termination huwa ma jtihomx l-ahhar cekk. Qatt ma saret u qatt ma kienet ser issir. Rega' tenna li hu kien tah ic-cekk u l-karta u qalli l-karta kienet biex jiffirmaha u Engerer qraha u qallu li ma jridx problemi maghhom.

Engerer ma qabilx ma' din il-verzjoni. Ma qabilx u lanqas seta' jiftakar li dakinhar kellu interview.

Edwar Agius qal li Luke Engerer huwa habib tieghu u ilu jafu hafna snin u qed jiddejjaq hafna li qieghed fil-konfront tieghu f'din is-sitwazzjoni imma xoghlu huwa xoghol.

It-tnejn li huma qablu li Agius kien qal lil Engerer "Caw Luke, goodluck."

Ra l-kontro-ezami **Edward Agius**[14] li qal li 50 fil-mija mid-Diretturi International Fashion Company huma l-istess fil-kumpaniji ta' Bay Street. Illum il-gurnata huwa segretarju tal-Kumpanija izda dak iz-zmien li tkecca Engerer ma jahsibx li kien. F'Jannar tas-sena 2017 sar trasferiment tax-shares fis-sens illi Bay Street Operations kienet shareholder dak iz-zmien u llum m'ghadhiex. Bhala management l-International Fashion Company Limited ghal dak li jirrigwardja d-day-to-day, huwa mmanigjat fl-istess ufficcju ta' Bay Street. Huwa llum il-gurnata jiehu hsieb il-finanzi jew xi operat tal-kumpaniji kollha nkluz International Fashion.

[11] Datat 28 ta' April 2017
[12] Xhieda datata 7 ta' April 2017
[13] Fol 49 tal-process
[14] Datat 28 ta' April 2017

Fil-perjodu meta Engerer kien impjegat mall-Kumpanija kien hemm perjodu fejn hu kien jahdem u jaghmel xoghol fuq IQ u kif ukoll fuq hwienet li dakinhar kienu godda l-Courteffeil u Woman's Secret. IQ hija "owned" minn Bay Street. Courteffeil u Woman's Secret qeghdin fuq International Fashion. International Fashion dak iz zmien kellha mpjegat biss lil Engerer. Il-hwienet Women's Secret u Corteffeil kienu mimlijin b'impjegati ta' Bay Street Operations jew kumpanija ohra ta' Bay Street.

Huma jaghtu l-karta tal-Full and Final Settlement lill-impjegati li telqu sabiex ikunu certi li l-impjegat qed jitlaq kuntent bl-ahhar paga li qed jiehu. Meta jaghti din il-karta lin-nies inkluz fil-kaz ta' Engerer huwa kellu f'mohhu li bhala paga ma kellu jiehu xejn iktar. Kellhom diskussjoni ghal dak li jirrigwardjaw affarijiet ohra li ma humiex paga. Malli tah l-agreement ma kienx hemm diskussjoni fuq per ezempju, illi jekk huwa jiffirma l-karta ma jistax igib il-kaz quddiem it-Tribunal Industrijali. Meta ghadda c-cekk u l-karta lil Engerer ma kienx hemm diskussjonijiet fis-sens li ffirma l-karta, ha c-cekk u telaq. Kien hemm impjegat iehor li rrifjuta li jiffirma l-karta imma c-cekk xorta nghatalu.

Dak iz-zmien ma jafx jekk kienx hemm employee handbook jew le.

Jahseb illi huwa stess kien tkellem ma' Engerer fejn kien qallu li l-impjieg tieghu gie tterminat. Kien infurmah is-CFO ta' dak iz-zmien, Edward Camilleri Bonnici u anke s-CEO, David Debono sabiex ilesti l-paga finali ta' Engerer.

Huwa kien involut bhala Financial Controller fuq International Fashion u kien jiehu hsieb il-finanzi ta' din ir-Retail Company biss. Ma kienx involut f'Bay Street bhala kumpless u bhala Hotel. Ma kien involut f'xejn li jmur oltre l-finanzi.

Ra l-affidavit ta' **Claire Barbara**[15] fejn qalet li kienet impjegata ma' Baystreet Hotel Complex Limited mil-1 ta' Novembru 2014 sal-10 t'April 2017. L-irwol taghha dak iz-zmien kien ta' supervisor gewwa IQ u tiehu hsieb l-operat flimkien ma' Aviar Marcus. Kienet hemm mill-bidu biex tghin f'dak kollu li kien hemm bzonn sabiex jinfetah il-hanut. Wara kienet ghenet lil Engerer sabiex jorganizza l-ftuh ufficcjali tal-hanut u jaghmluh success. L-irwol taghha bhala supervisor kien li tiddiskuti ma' Engerer rigward dak kollu li jirrigwardja l-hanut IQ. Huwa kien l-ewwel persuna li taghmel kuntatt maghha peress li kellu r-responsabilita' kollha tal-operat tal-hanut.

Fl-20 ta' Lulju siefret ma' Engerer biex jixtru l-istock tal-istagun il-gdid ghal-IQ u tul dak iz-zmien kienet tahdem taht id-direzzjoni ta' Engerer.

Huwa baqa' jiftah izjed hwienet godda u fis-sajf tas-sena 2015 fetah Coretffiel u Women's Secret fit-tieni sular ta' Baystreet retail lounge u anke kien jghin gewwa Bortex ghal perjodu qasir.

Fix-xitwa 2015 kienet ikkuntattjata minn David Debono fejn qalilha li Engerer gie sospiz mix-xoghol. Wara giet ikkuntattjata minn Engerer fejn awguralha u qalilha li xorta tista' tibqa' miexja 'l quddiem anke minghajr l-ghajnuna tieghu.

[15] A fol 156 tal-process

Dejjem kellha rispett lejn Engerer ghax kienet tahdem mieghu snin qabel ma' kumpnaija ohra u hu kien il-persuna li mmanigjaha mall-kumpanija u min-naha l-ohra jiena dejjem irrispettajt lill-management tal-kumpanija ghax huma dejjem emmnu fiha. Minhabba f'dawn ir-ragunijiet hija qatt ma saqsiet dwar it-terminazzjoni ta' Engerer.

Wara xi gimghat irciviet struzzjonijiet biex tibda tirrapporta lil Cleona Muscat rigward kull ma jkollu x'jaqsam mall-hanut u giet infurmata li kienet ser tibda tassitiha u tghinha fil-bzonnijiet tal-hanut.

Ra l-affidavit ta' **Michelle Hili**[16] fejn qalet li f'Settembru tas-sena 2014 hija bdiet tahdem ma' kumpanija taht Bay Street Hotel Complex, fejn kienet iffirmat kuntratt ta' sena bhala supervisor ma' Bortex u li dak iz-zmien Engerer kien il-Manager ta' Bortex.

Gewwa Bay Street Hotel Complex kienet gja hadmet ma' zewg ditti differenti bhala manager ghal izjed minn 12-il sena fejn kienet saret taf lil Engerer qabel fiz-zmien li hadmet ma' Bortex.

Ix-xoghol taghha fl-ewwel kuntratt ta' sena ma' Bortex kien bhala supervisor sakemm beda l-ewwel xoghol f'wiehed mill-hwienet tad-ditti l-godda u wara li fetah il-hanut il-gdid tal-Bortex u xi ditti ohra, il-kuntratt taghha kien wasal biex jispicca.

Gurnata minnhom giet avvicinata minn Engerer li qalilha li ma kienx ser jibqa' manager ta' Bortex ghax gie appuntat bhala General Manager ghad-ditti l-godda li kienu ser jifthu. Engerer talabha biex jghinuh fil-ftuh tal-hwienet l-ohrajn u biex tibqa' taghti t-tahrig sakemm l-ahhar hanut Corteffeil ikun fetah u beda jopera u li kienet ser tkun imqabbda baha supervisor full-time gewwa Corteffeil. Meta l-ewwel kuntratt ta' mpjieg taghha spicca, f'Settembru tas-sena 2015 hija ffirmat kuntratt gdid ma' Bay Street Hotel Complex ghal sena ohra sat-3 t'Awissu 2016, fejn xogholha kien li tirrapporta dejjem lill-General Manager Engerer.

Xahrejn wara li fethu l-hwienet kollha u Corteffeil kien miftuh u jopera, kienet ixxukjata meta semghat li Lorraine Sammut, r-retail co-ordinator giet imkeccija filwaqt li tlett ijiem wara Engerer gie mkecci wkoll. Wara, kull ma tiftakar hu li l-kumpanija kienet ghaddejja minn transizzjoni u wara madwar tlett gimghat giet imkeccija hija wkoll u ghandha proceduri pendenti quddiem it-Tribunal Industrijali.

Ra l-kontro-ezami **David Debono**[17] fil-vesti ta' CEO Bay Street Group u dak iz-zmien kien wiehed mid-Diretturi tal-IF Company Limited. Meta Engerer kien impjegat ma' International Fashion Company Limited, la hu u lanqas International Fashion ma kellha x'taqsam ma' Bay Street Operations. Engerer kien iffirma kuntratt ma' Bay Street Hotel Complex Limited u mbaghad wara ftit xhur is-shareholders ta' Bay Street u s-shareholders li m'ghandhomx x'jaqsmu ma' Baystreet illi huma Peter Borg, it-tifel tieghu u direttur iehor li m'ghandux x'jaqsam ma' Bay Street iddeciedew li jifthu kumpanija kompletament distinta minn Baystreet gdida, 50% shareholder, is-shareholders ta' Bay Street, Paul Camilleri u George Muscat u 50% Peter Borg, it-tifel tieghu u appuntaw direttura ohra.

---

[16] A fol 167 tal-process
[17] Datat 2 ta' Gunju 2017

Kellem lil Engerer u qallu li huma u Peter Borg u t-tifel tieghu ser jifthu kumpanija kompletament gdida, u huwa mhux ser jibqa' jaghmel ix-xoghol li kien qed jaghmel dak iz-zmien ta' Shop Manager. Ser ikollhom brands godda u saqsih jekk iridx ikun General Manager ta' dik il-kumpanija. Qallu li s-shareholders mhux ser ikunu Paul Camilleri u George Muscat imma ser ikunu Paul Camilleri, George Muscat, Sam Borg u Peter Borg. Saqsih jekk iridx jiehu dik l-opportunita', rwol gdid, responsabilitijiet godda u hwienet kompletament godda. Hemm kuntratt ta' mpjieg iffirmat ma' International Fashion Company Limited. Ma jafx jekk il-kuntratt huwiex tal-mobile ta' Engerer. Engerer spicca waqt il-probation. Fil-kumpaniji hemm 50% shareholding li huma komuni u hemm zewg Diretturi li huma komuni.

Meta Engerer inghata l-kuntratt ma' International Fashion Company Limited resaq minn fejn kien jopera ma' Bortex u jmur jiftah il-hwienet godda. Sakemm kien qed jiskatta t-tieni kuntratt kien hemm transazzjoni fejn hu kien qallu biex jiehu hsieb l-IQ pero' x'hin jifthu l-hwienet il-godda, jaghti handover lil haddiehor. Dan jidher mill-Job Description u l-kuntratt tieghu. Jista' jkun li kien hemm xi korrispondenza fuq dan imma ried jiccekja. Meta skatta l-kuntratt ta' mpjieg tieghu kellhom Shop Manager gewwa IQ. Fiz-zmien tat-transazzjoni meta qaleb minn kumpanija ghall-ohra, Engerer beda jirrilaxxa r-responsabilitajiet li kellu dak iz-zmien u beda jassumi bil-mod ir-responsabilitajiet godda. Bhala ezempju, qal li l-hwienet li kienu taht International Fashion Company Limited li Engerer kien General Manager taghhha kienu Courteffiel u Women's Secret. Hu beda n-negozjati fi Spanja f'Marzu. Huma kellhom bzonn li jifthu l-hwienet f'Settembru, Ottubru. Ghalkemm Engerer kien gja ngaggat qabel fuq International Fashion Company Limited bhala General Manager pero' xoghol day-to-day biex timla l-gurnata tax-xoghol ma kienx hemm mall-ewwel ghax kien hemm il-perjodu ta' transazzjoni. Allura sakemm huwa kien qed jinnegozzja mall-Brands biex jaghlqu l-kuntratt kien qed jitkellem ma' Engerer x'hinuma Brands, x'se jigri u ma jigrix u bil-mod beda jaghti handover ghar-responsabilitajiet li kellu biex jixxiftjaw kollox fuq International Fashion Company.

Wara certu zmien l-hwienet infethu l-hwienet ta' Women's Secret u ta' Corteffiel. F'dak il-hanut kien hemm haddiema. Jista' jkun li kien hemm impjegati li ma kienux impjegati fuq International Fashion.

Meta Engerer kien jahdem il-Bortex, ix-xoghol tieghu kien principalment fil-hanut. Meta gie offert l-post ta' General Manager ma' International Fashion hasbu li ser ikollu bzonn ufficju u beda jahdem minn ufficju separat. Pero' meta beda jahdem ma' Bay Street Hotel Complex Limited, huwa kellu titlu u responsabilitajiet differenti u anke x-xoghol kien differenti. Dak iz-zmien kienu suspetti li vverifikaw wara.

Kien hemm affarijiet fuq Engerer dak iz-zmien li ma riedux jesponuhom biex ma jpoggux dell ikrah fuqu per ezempju stock ma jaqbilx mall-hanut. Hu vverifika mal-Ligi tal-Employment li ttih d-dritt illi jitterminah waqt probation minghajr ma jaghtu ragunijiet u ha vantagg minn dik l-opzjoni u tterminah minghajr ma tawh spjegazzjoni ghal hafna ragunijiet.

Kien hemm drabi fejn baghat ghalih u tah twissija verbali. Kien jghidlu x'qed jaghmel hazin u xi jrid jaghmel biex ma jibqax jaghmel hazin.

Kien hemm okkazzjonijiet fejn kienu gibdulu l-attenzjoni u kien hemm diversi e-mails.[18] Kien hemm kaz partikolari fejn wahda mis-Sales Attendants tal-hwienet halliet il-hanut dizastru l-

[18] Kontro-ezami ulterjuri datat 6 ta' Ottubru 2017

ghada filghodu lill-kollega taghha.  Dahlet il-kollega taghha filghodu u sabet hanut ta' taht fuq. Meta gie rrapportat il-kaz lil Engerer flok bhala persuna responsabbli mill-operation gibed l-attenzjoni tas-Sales Person prova jghattilha bili beda jghidlu "u ija", "imma mhux forsi ta' darba", u "dawn affarijiet zghar" izda ma jiftakarx jekk qallux il-kelma qed inwissik.

Id-decizjoni ttiehdet waqt bord meeting ta' International Fashion Company Limited.

Ma jiftakarx illi qatt xi darba Cleona Muscat kienet gergret fuq Engerer personalment mieghu. Hija kienet Supervisor jew Assistant Supervisor dak iz-zmien u kienet tirrapporta lil Engerer. Hija tigi t-tifla ta' wiehed mid-Diretturi tal-International Fashion. Iktar tard hija saret Direttrici.

Ra x-xhieda ta' **Michelle Hili**[19] li qalet li hija kienet tahdem ma' Baystreet, kellha kuntratt u kienet Supervisor.  Damet sentejn ghax kien skadilha l-ewwel kuntratt imbghad gie mgedded ghal sena ohra, u t-tieni kuntratt kien indefinit, u ghandha proceduri ghaddejin quddiem Tribunal Industrijali.

Kienet tahdem fl-istabiliment ta' Bay Street imma ma' kumpanija ohra ghal 15-il sena u hemmhekk saret taf lil Engerer, ghax kien jahdem mall-istess kumpanija. Meta kienet qed tfittex xoghol kienet saret taf li Engerer ha posizzjoni fil-Bay Street Complex fil-livell ta' fuq u kienet cemplitlu sabiex tara ghandux bzonn xi mpjegati u kien qalilha li kien hemm progett 'il quddiem fil-futur, fil-vicin imma forsi jinteressaha. Kien qalilha li ser jibdew jinfethu hwienet godda li ha jkunu taht il-Baystreet Complex u li ha jkunu brands tajbin u li jaf tkun xi haga differenti u challenging. Meta kellmitu huwa kien Manager Bortex.

Meta hija bdiet tahdem mall-Kumpanija hija kienet tahdem iktar sieghat milli kien hemm stipulat fil-Kuntratt imma kienet tithallas taghhom.  Meta ffirmat il-kuntratt hija ma kienetx taf ghalxiex kienet diehla. Kienet taf li jridu jifthu l-hwienet imma mhux li tohrog il-garbage, kaxxi kbar u tiknes it-trabijiet u taqsam dahrek u hi ghazlet li taghmlu wkoll.

Tahseb li giet imkeccija ghax waqt li kienet qieghda sick hija harget.

Meta kienet tahdem fil-hanut Corteffeil l-entita' li kienet thallasha u thaddimha kienet Bay Street Complex.

## <u>Trattazzjoni tal-Partijiet</u>

Ra li minbarra li l-partijiet ipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet,[20] saret ukoll trattazzjoni verbali.

Engerer permezz tal-Avukat tieghu qal[21] li n-ness tal-kawza odjerna hija li Engerer kien impjegat mas-Socjeta' Bay Street Complex Limited, kien jaghmel xoghol ghall-kontenut IQ u kien inkarigat biex igib id-ditti u jiehu hsieb id-ditti f'dan il-hanut, imbaghad f'xi punt ix-

[19] Kontro-ezami datat 10 ta' Novembru 2017
[20] Nota ta' sottomissjonijiet tar-Rikorrent Luke Engerer tinsab a fol 254 et seq tal-process;
Nota ta' sottomissjonijiet tas-Socjetajiet Intimati tinsab a fol 263 et seq tal-process
[21] Trattazzjoni verbali tar-Rikorrent datata 2 ta' Frar 2018

xoghol tieghu kien dak li kien qed jaghmel, cioe' l-business, l-immanigjar tal-hwienet gie trasferit lil socjeta' ohra International Fashion Company Limited. Waqt li hu kien impjegat mas-Socjeta' Bay Street Complex Limited huwa kien jiehu hsieb il-hanut IQ u jiehu hsieb id-ditti taghha imma fl-istess hin kien jiehu hsieb il-hanut IQ u ditti godda fosthom il-Women's Secret u Corteffiel u kien jiehu hsieb wkoll l-impjegati li kienu jahdmu f'dawn il-hwienet. Meta nftehet il-Kumpanija International Company Limited dan il-business gie trasferit lejn is-socjeta' l-gdida, International Fashion Company Limited u fl-opinjoni tieghu peress li kien hemm trasferiment ta' dan ix-xoghol u trasferiment tal-business kellu jigi transferiet anke l-impjieg tas-Sur Engerer. Hemm legislazzjoni specifika tal-Unjoni Ewropea li tipprotegi l-impjegat f'cirkostanzi tat-trasferiment. Huwa b'ingann u b'mod ingust li meta jigi trasferit l-impjieg terga' taghtih zmien ta' prova gdida. L-argument huwa li z-zmien ta' prova ma kellux jerga' jiddekorri, li Engerer kellu jibqa' jahdem taht l-istess kundizzjoniijet li kellu ma' Bay Street Complex Limited u ghalhekk it-terminazzjoni hija wahda ngusta. Socjetajiet kbar ma jistax juzaw il-corporate veil u jikkrejaw socjetajiet godda biex jitrasferixxu l-impjieg biex b'hekk jaghtu prova gdida lill-impjegati u jitterminawlhom. Kieku kulhadd jaghmel hekk, l-impjegat ma jkunx protett. Jekk l-impjieg baqa' l-istess, hekk kif xehdu n-nies li kienu jahdmu mieghu, jekk allura gie trasferiet il-business u gie trasferit, kellu jigi transferit ix-xoghol tieghu.

Fir-rigward li Engerer iffirma in full and final settlement dwar il-paga li huwa rcieva, mill-provi johrog car li hu ma kellux ghazla, u dan ghax meta huwa nghata l-ahhar paga nghata l-karta fl-istess hin li hu kellu jiffirma. Hu kellu bzonn l-ahhar paga ghax kien vicin il-Milied u xtaq li jircievi l-ahhar paga. Il-Qorti kienet cara. Meta mpjegat jirrinunzja d-dritt li huwa jiccelingja t-terminazzjoni jrid ikun jaf ghalxiex qed jiffirma. Il-Qorti qalet li "l-kliem iridu jkunu cari u inekwivoci". Irid ikun jaf l-impjegat ghalxiex qed jiffirma u ghalxiex qed jirrinunzja. Jigifieri meta mpjegat jirrinunzja ghad-dritt li jfittex il-Kumpanija fit-Tribunal, dik ir-rinunzja trid tkun cara. Il-kliem Full and Final Settlement huma generici u hija cara li hi tirrelata biss mall-ahhar paga li hu rcieva.

Is-Socjetajiet Intimati qalu li anke jekk ma kienx itterminat fiz-zmien ta' prova kien hemm raguni valida ghaliex jigi tterminat izda minkejja li ntqalu hafna affarijiet ma giet ipprezentata l-ebda prova.

Dwar in-nullita' eccepita fil-bidu mill-kontro-parti, ma jaqbilx ma' dan l-argument u m'hemmx bazi leali ghaliex qed tintalab in-nullita'.

Is-Socjetajiet intimati permezz tal-Avukat taghhom[22] qal li l-kawza nfethet kontra 4 socjetajiet differenti. It-talbiet kif saru huma wkoll maghmulin b'mod illi dan it-Tribunal qed jitolbuh biex isib responsabilita' kumulattiva fl-4 socjetajiet. Mhux qed jigi mitlub min minnhom huma responsabbli. "Inti employer wiehed ghandek. M'ghandekx 4 f'salt." It-Tribunal ghandu jdejh marbutin li jaghmel wahda minn zewg affarijiet, jew jilqa' t-talba hekk kif maghmulha u jsib responsabilita' fl-4 socjetajiet jew jichad it-talba hekk kif maghmulha. Meta t-Tribunal jaghti decizjoni li tkun differenti minn dak li jkun qed jigi mitlub, dik id-decizjoni tkun nulla u bla effett ghax tkun ultra petita, tkun ta' aktar minn dak li ntalab, jew extra petita, ta' xi haga differenti minn dak li ntalab.

Rigward id-dikjarazzjoni li kien iffirma Engerer datata l-1 ta' Dicembru 2015, m'huwiex sempliciment I am receiving the cheque for two thousand Euro in full and final settlement. I

[22] Trattazzjoni verbali tas-Socjetajiet Intimati datata 2 ta' Frar 2018

have no further claims or pretenses of whatsoever nature against the company. Dan il-kliem ghandu piz. Allura din id-dikjarazzjoni ghandha tinghata l-piz dovut. Kuntratt jaqa' biss b'sentenza ta' Qorti. Lanqas b'sentenza tat-Tribunal ghax ma jidholx fil-parametri ta' x'hinuwa l-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal illi jiddikara kuntratt validu jew null. Ir-regola tal-interpretazzjoni hija li meta l-kliem huwa car mela m'ghandekx ghalfejn tipprova tifhem x'gara u ma garax.

Fir-rigward tat-Transfer of Business, il-LS452.85 johloq parametri cari ta' x'hinuma r-rekwiziti biex ikun hemm transfer of business skont kif irid il-legislatur. Hawn zgur ma kienx hawn transfer of business. Engerer kien impjegat ma' Kumpanija u kellu designation partikolari ma' dik il-kumpanija, Bay Street Hotel Complex Limited. Kien imexxi l-hanut Bortex. Iktar tard huwa gie offrut u accetta mpjieg gdid bhala General Manager Retail tal-Kumpanija l-gdida, International Fashion Company Limited li giet inkorporata mhux biex taghmel l-istess negozju, mhux biex taghmel l-istess xoghol li kienet taghmel Bay Street Hotel Complex Limited, ghax ma kien hemm l-ebda skop ghalfejn tinholoq kumpanija gdida biex taghmel l-istess negozju, imma biex taghmel ventures godda. Ghalhekk inholqot kumpanija ghal dan ix-xoghol gdid. Ma jfissirx ghax baqa' l-istess generu allura kien hemm transfer of business. Inghata posizzjoni gdida, giet offerta lilu, accettaha, sar kuntratt gdid u fil-kuntratt kien hemm miktub li kien qieghed taht sitt xhur probation.

## Kunsiderazzjonijiet

It-Tribunal ser jiddeciedi l-eccezzjonijiet kollha wahda wahda, kif ukoll it-talba tar-rikorrent.

1. **Is-socjetatjiet intimati eccepew in-nullita' tal-att promutur u tal-proceduri istitwiti mill-imsemmi Luke Engerer u dan in vista tal-konsiderazzjoni illi d-dritt moghti lill-haddiem bil-provvedimenti tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jipprocedi sabiex jottjeni dikjarazzjoni ta' tkeccija ngusta huwa esperibbli biss fil-konfront tal-employer ta' tali haddiema u ta' hadd izjed[23]. Fil-kaz odjern ir-rikorrent istitwixxa dawn il-proceduri kontra erba' socjetajiet u cioe' kontra International Fashion Co Ltd, Bay Street Holdings Limited, Bay Street Operations Limited u Bay Street Hotel Complex.**

Ir-rikorrent fir-rikors promotur ippremetta li s-socjeta' ntimata Bay Street Holdings u/jew Bay Street Operations Limited u/jew Bay Street Hotel Complex jew min minnhom xtaqu jkabbru l-operat taghhom billi jakkwistaw franchising ta' brands ohra. Sabiex ikun jista' jintlahaq dan il-ghan, fis-26 ta' Mejju 2015 giet stabilita' s-Socjeta' International Fashion Company Limited. Ir-rikorrent ippremetta wkoll li fil-25 ta' Novembru 2015 is-socjeta' International Fashion Company Limited u/jew Baystreet Holdings Limited u/jew Bay Street Operations Limited u/jew Bay Street Complex Limited jew min minnhom itterminaw l-impjieg tieghu minghajr kawza sufficjenti fil-ligi u dan billi uzaw l-iskuzanti tal-probation wara li accetta li jiffirma l-kuntratt sabiex jghin l-istess socjetajiet.[24]

[23] Risposta tas-socjetajiet intimati, a fol 32 et seq
[24] Talba tar-rikorrent, a fol 1 et seq

Ir-rikorrent esebixxa ftehim ta' hlas ta' cellulari li kien ser juza r-Rikorrent mall-Vodafone Malta Limited[25] liema ftehim sar mas-socjeta' Bay Street Holdings Ltd.

Matul ir-rikors promotur kollu r-rikorrent ghamilha cara li l-kawza fetaha kontra dawn l-erba' socjetajiet jew min minnhom u ghalhekk halla f'idejn it-Tribunal sabiex jiddeciedi ma' min kien impjegat.

Ghaldaqstant it-Tribunal <u>jichad l-ewwel eccezzjoni preliminari</u>.

2. **Is-socjetajiet intimati eccepew li r-rikorrent ma kellu assolutament ebda dritt li jistitwixxi dawn il-proceduri stante li mat-terminazzjoni tal-impjieg tieghu huwa ffirma dikjarazzjoni cara li m'ghandu l-ebda drittijiet u/jew pretensjonijiet ohra ta' kwalsiasi natura fil-konfront tal-employer tieghu – is-socjeta' rispondenti International Fashion Company Limited. Konsegwentment ir-rikorrent Luke Engerer ma kellu u m'ghandu l-ebda dritt illi jistitwixxi dawn il-proceduri fil-konfront ta' International Fashion Company Limited (li fil-fatt hija l-unika socjeta' li possibilment setghet kienet il-legittimu kontradittur f'dawn it-tip ta' proceduri).[26]**

Sabiex jiddeciedi din id-decizjoni preliminari, it-Tribunal **irid jiddeciedi ma' min kien impjegat ir-Rikorrent, kif ukoll jekk sarx transferiment tal-impjieg tar-rikorrent flimkien man-negozju bejn Bay Street Hotel Complex Limited u International Fashion Company Limited**.

Ir-rikorrent kien impjegat mas-Socjeta' Bay Street Hotel Complex Limited permezz ta' kuntratt definit datat 5 ta' Gunju 2014[27] fejn l-impjieg tieghu bhala Retail Manager beda mis-16 ta' Gunju 2014 ghal perjodu ta' sena, li kien suggett ghall-performance evaluation li kienet ser issir fl-ahhar perjodu tal-kuntratt sabiex il-kuntratt ikun imgedded u jinbidel f'kuntratt indefinit.

Dan il-kuntratt ma giex imgedded u fis-17 ta' Gunju 2015 ir-rikorrent kien gie impjegat mas-Socjeta' International Fashion Company Limited[28] permezz ta' kuntratt definit ghal zmien tmintax-il xahar fejn l-impjieg tieghu bhala General Manager Retail beda fis-17 ta' Gunju 2015, li kien suggett ghall-performance evaluation li kienet ser issir fl-ahhar perjodu tal-kuntratt sabiex il-kuntratt ikun imgedded u jinbidel f'kuntratt indefinit.

Jirrizulta li r-rikorrent kien impjegat ta' International Fashion Company Limited u l-kumpaniji l-ohrajn, cioe' Bay Street Holding Limited, Bay Street Operations Limited u Bay Street Hotel Complex Limited ghandhom ghalhekk jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

[25] A fol 54
[26] Risposta tas-socjetajiet intimati a fol 32
[27] A fol 36 et seq
[28] A fol 16 et seq

**Isegwi li jigi deciz jekk sarx trasferiment tal-impjieg tar-rikorrent flimkien man-negozju minn Bay Street Hotel Complex Limited u International Fashion Company Limited.**

Ikkunsidra li l-artikolu 38 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid is-segwenti:

> (1) Meta negozju jew azjenda oħra jittieħed il-kontroll tagħhom, għal kollox jew f'parti, minn persuna (hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-artikolu msejħa "il-persuna li lilha jiġi trasferit in-negozju") mingħand prinċipal (hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-artikolu msejjaħ "min jittrasferixxi"), **kull impjegat fl-impieg ta' min jittrasferixxi fid-data tat-trasferiment tan-negozju għandu jitqies li jkun fl-impieg tal-persuna li lilha jiġi trasferit in-negozju l-persuna li lilha jiġi trasferit in-negozju għandha tassumi d-drittijiet u l-obbligi kollha li min jittrasferixxi għandu rigward l-impjegat.**
>
> (2) Min jittrasferixxi u l-persuna li lilha jiġi trasferit in-negozju għandhom jinformaw lir-rappreżentanti tal-impjegati dwar l-impjegati rispettivi tagħhom li ser jkunu milquta bit-trasferiment dwar –
>
> (a) id-data jew id-data maħsuba għat-trasferiment;
> (b) ir-raġunijiet għat-trasferiment;
> (ċ) l-implikazzjonijiet legali, ekonomiċi u soċjali tat-trasferiment għall-impjegati; u
> (d) il-miżuri li ser jittieħdu rigward l-impjegati.
>
> (3) Wara t-trasferiment, il-persuna li lilha jiġi trasferit in-negozju għandha tkompli tosserva l-patti u l-kondizzjonijiet miftehma f'xi ftehim kollettiv bl-istess mod kif kienu applikabbli għal min jittrasferixxi taħt dak il-ftehim, sad-data tat-tmiem jew egħluq tal-ftehim kollettiv, jew il-bidu fis-seħħ jew l-applikazzjoni ta' ftehim kollettiv ieħor.
>
> (4) Is-subartikoli (1) u (3) ma jgħoddux għat-trasferiment ta' azjenda, negozju, jew parti minn azjenda jew negozju fejn min jittrasferixxi hu suġġett għal proċeduri ta' falliment jew ta' stralċ ordnat mill-Qorti skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kumpanniji, jew proċeduri oħra ta' falliment li nbdew biex jiġulikwidati l-assi ta' min jittrasferixxi u huma taħt is-sorveljanza ta'likwidatur nominat mill-Qorti.
>
> (5) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti biex jippreskrivi l-mod li bih għandhom jinżammu l-konsultazzjonijiet bejn il-prinċipal u r-rappreżentanti tal-impjegati; l-proċedura li għandha tiġi adottata; l-kategoriji jew il-klassijiet ta' mpiegi li huma eżenti mill-effetti ta' dan l-artikolu, u kull ħaġa oħra li għandha x'taqsam jew hi anċillari għal dan.

(6) Kull persuna li tonqos li tħares id-dispożizzjonijiet ta’ dan l-artikolu jew ta’ xi regolamenti magħmula taħtu, tkun ħatja ta’ reat kontra dan l-Att.

Ikkunsidra l-artikolu 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 452.85 senjatament:

(1) L-artikolu 38 tal-Att u dawn ir-regolamenti għandu japplika:

(a) għal kull trasferiment ta’ azjenda, negozju, jew parti minn azjenda jew negozju lil prinċipal ieħor b’riżultat ta’ trasferiment jew fużjoni legali:

Iżda jkun hemm trasferiment skont dan ir-regolament kull meta jkun hemm trasferiment ta’ enti ekonomika li tibqa’ żżomm l-identità tagħha, bl-objettiv li ssegwi attività ekonomika;

(b) għal bidla fil-forniment ta’ servizz;

(ċ) għal kull azjenda li tagħmel attivitajiet ekonomiċi kemm jekk dik l-attività hija ċentrali jew anċillari kemm jekk le, u kemm jekk tkunx topera għall-qligħ kemm jekk le;

(d) meta u safejn l-azjenda, negozju jew parti mill-azjenda jew negozju li se jkun ittrasferit ikun sitwat f’Malta;

(e) għal trasferiment ta' bastiment tal-baħar li huwa parti minn trasferiment ta' impriża, negozju jew parti minn impriża jew negozju fis- sens ta’ dan ir-regolament:

Iżda min jirċievi t-trasferiment għandu jkun jinsab, jew l-impriża, in-negozju, jew parti minn impriża jew negozju ttrasferiti jibqgħu f’Malta:

Iżda wkoll l-artikolu 38 tal-Att u dawn ir-regolamenti ma għandhomx japplikaw fejn l-oġġett tat-trasferiment jikkonsisti esklużivament minn bastiment tal-baħar wieħed jew aktar.’

Is-subregolament (3) tal-istess regolament 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.85 jipprovdi wkoll illi:

(3) It-trasferiment ta’ azjenda, negozju, jew parti minn azjenda jew negozju skont dawn ir-regolamenti:

(a) jista’ jiġi effettwat permezz ta’ transazzjoni waħda jew aktar; u

(b) jista’ jsir sew jekk xi proprjetà, mobbli jew immobbli,tiġi trasferita lil min qed jirċievi t-trasferiment minn min qed jittrasferixxi jew le.

Il-leġislazzjoni sussidjarja 452.85 tagħti ukoll is-segwenti definizzjonijiet:

"trasferiment" tfisser trasferiment ta’ azjenda li żżomm l-identità tagħha bħala grupp organizzat ta’ riżorsi li għandu l-objettiv li jsegwi attività ekonomika u għandu jinkludi bidla fil-forniment ta’ servizz skont dawn ir- regolamenti;

"min jittrasferixxi" tfisser persuna naturali jew legali li, bis-saħħa ta’ trasferiment ta’ azjenda jew parti minn ażjenda, li jinkludi bidla fil-

> forniment tas-servizz, tieqaf milli tkun il-prinċipal fir-rigward ta' azjenda jew parti minn azjenda trasferita b'dan il-mod;
>
> "min jirċievi t-trasferiment" tfisser kull persuna naturali jew legali li, bis-saħħa ta' trasferiment, li jinkludi bidla fil-forniment tas-servizz, issir il-prinċipal fir- rigward ta' azjenda jew parti minn azjenda trasferita b'dan il-mod.

Direttiva 77/187 tal-Unjoni Ewropea kienet tapplika, "to the transfer of an undertaking, business or part of a business to another employer as a result of a legal transfer or merger" (artikolu 1(1) tad-Direttiva). L-għan tad- Direttiva kien:

> "to provide for the protection of the employees in the event of a change of employer, in particular, to ensure that their rights are safeguarded'".

Id-Direttiva li ġiet aġġornata bid-direttiva 2001/23 tat-12 ta' Marzu, 2001.

Fis-sentenza **'Spikjers vs Gebroeders Benedik Abattoir CV et'** tat-18 ta' Marzu, 1986 il-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea qalet:-

> "12. Consequently, a transfer of an undertaking, business or part of a business does not occur merely because its assets are disposed of. Instead it is necessary to consider, in a case such as the present, whether the business was disposed of as a going concern, as would be indicated, inter alia, by the fact that its operation was actually continued or resumed by the new employer, with the same or similar activites.
>
> 13. In order to determine whether those conditions are met, it is necessary to consider all the facts characterizing the transaction in question, including the type of undertaking or business, whether or not the business's tangible assets, such as buildings and movable property, are transferred, the value of its intangible assets at the time of the transfer, **whether or not the majority of its employees are taken over by the new employer**, whether or not its customers are transferred and the degree of similarity between the activities carried on before and after the transfer and the period, if any, for which those activities were suspended. It should be noted, however, that all those circumstances are merely single factors in the overall assessment which must be made and cannot therefore be considered in isolation.
>
> 14. It is for the national court to make the necessary factual appraisal, in the light of the criteria for interpretation set out above, in order to establish whether or not there is a transfer in the sense indicated above".

Fil-kaz ta' **Christel Schmidt** (C-392/92) tal-14 t'April, 1994 dik il-Qorti qalet:

> "17. According to the case-law of the Court (see the judgment in Spijkers, cited above, at paragraph 11, and the judgment in Case C-29/91 Dr Sophie Redmond Stichting v Partol and Others [1992] ECR I-3189, at paragraph 23), the decisive criterion for establishing whether there is a transfer for the purposes of the directive is whether the

business in question retains its identity. According to that case-law, the retention of that identity is indicated inter alia by the actual continuation or resumption by the new employer of the same or similar activities. Thus, in this case, where all the relevant information is contained in the order for reference, **the similarity in the cleaning work performed before and after the transfer, which is reflected, moreover, in the offer to re-engage the employee in question, is typical of an operation which comes within the scope of the directive and which gives the employee whose activity has been transferred the protection afforded to him by that directive**".

Rilevanti wkoll dak li ntqal fis-sentenza **Redmond Stichting v Hendrikus Bartol et** (C-29/91) tad-19 ta' Mejju, 1992 fejn il-Qorti qalet li d-direttiva tapplika:

"... wherever, in the context of contractual relations, there is a change in the natural or legal person who is responsible for carrying on the business and **who incurs the obligations of an employer towards employees of the undertaking** (see, most recently, the judgment in Case 101/87 Bork International v Foreningen af Arbejdsledere i Danmark [1988] ECR 3057, paragraph 13).

Fil-kaz '**Maria Norma Abela vs Pater Holding Company Limited et**' deciz fit-30 t'April 2008[29], il-Qorti tal-Appell qalet:

Mill-interpretazzjoni taghha ta' dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi [ l-artikolu 38 (1) tal-Kap 452 u r-regolament 3 (1) (a) tal-LS 452.85], il-Qorti taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet:-

(1) L-ewwelnett, il-presuppost ghall-iskattar ta' l-Artikolu 38 tal-Kapitolu 452 ghaf-favur ta' l-impjegat hu dak li hu jkun assunt mill-kumpanija cedenti f'mument anterjuri ghat-trasferiment, b' mod li, allura, bhal successur fit-titolarita ta' l-azjenda jew tan-negozju, ic-cessjonarju jsir il-principal gdid tieghu. Ifisser, ukoll, illi fis-successjoni ta' dan ir-rapport tax-xoghol c-cessjonarju subentranti jidhol fil-posizzjoni guridika shiha, attiva u passiva, vis-à- vis l-impjegat;

(2) In-negozju, kkonsidrat fl-individwalita` awtonoma tieghu, jitlob il-konkors ta' zewg objettivi principali. Il- wiehed, oggettiv, rapprezentat mill-kontinwita` tan-negozju jew attivita' bhala entita' ekonomiku. L-iehor, soggettiv, konsistenti fis-sostituzzjoni ta' l-imprenditur li kien imexxi dak in-negozju jew attivita`;

(3) It-"trasferiment" a sensu tar-regolament imsemmi jirrikorri f' dik l-ipotesi fejn l-attivita' objettiva tan-negozju tibqa' immutata, b' dan li ghandek it-tibdil tat-titolari. Jimplika wkoll, b' konsegwenza, illi dak in-negozju ser jissokta jigi prosegwit mit-titolari l-gdid;

Fermi dawn il-konsiderazzjonijiet li johorgu mir-ratio tad-dixxiplina normattiva fl-artikolu ta' l-Att u tar-Regolament korrispondenti, mahsuba biex jiggarantixxu l-kontinwita' u r-regolamentazzjoni tar-

[29] Appell Nru: 32/2007

rapport tax-xoghol, hu kompitu tal-gudikant li jaccerta x' kien, skond il-volonta tal-kontraenti, l-oggett specifiku tal-kuntratt. Dan dejjem ghal fini li jkun verifikat u stabbilit jekk in-negozju jew attivita` ceduta giex ikkunsidrat fl-awtonomija ndividwali tieghu;"

Fil-kaz '**João Filipe Ferreira da Silva e Brito and Others v Estado Português**' deciz fid-9 ta' Settembru 2015 il-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea elenkat is-segwenti principji generali[22]:

"24 ......it must be borne in mind that the Court has held that Directive 77/187, which has been codified by Directive 2001/23, is applicable wherever, in the context of contractual relations, there is a change in the natural or legal person responsible for carrying on the business who incurs the obligations of an employer towards employees of the undertaking (see judgments in Merckx and Neuhuys, C-171/94 and C-172/94, EU:C:1996:87, paragraph 28; Hernández Vidal and Others, C-127/96, C-229/96 and C-74/97, EU:C:1998:594, paragraph 23; and Amatori and Others, C-458/12, EU:C:2014:124, paragraph 29 and the case-law cited).

25 According to settled case-law, the aim of Directive 2001/23 is to ensure continuity of employment relationships within an economic entity, irrespective of any change of ownership. The decisive criterion for establishing the existence of a transfer within the meaning of that directive is, therefore, the fact that the entity in question retains its identity, as indicated inter alia by the fact that its operation is actually continued or resumed (see judgments in Spijkers, 24/85, EU:C:1986:127, paragraphs 11 and 12; Güney- Görres and Demir, C-232/04 and C-233/04, EU:C:2005:778, paragraph 31 and the case-law cited; and Amatori and Others, C-458/12, EU:C:2014:124, paragraph 30 and the case-law cited).

26 In order to determine whether that condition is met, it is necessary to consider all the facts characterising the transaction concerned, including in particular the type of undertaking or business concerned, whether or not its tangible assets, such as buildings and movable property, are transferred, the value of its intangible assets at the time of the transfer, whether or not the majority of its employees are taken over by the new employer, whether or not its customers are transferred, the degree of similarity between the activities carried on before and after the transfer, and the period, if any, for which those activities were suspended. However, all those circumstances are merely single factors in the overall assessment which must be made and cannot therefore be considered in isolation (see judgments in Spijkers, 24/85, EU:C:1986:127, paragraph 13; Redmond Stichting, C-29/91, EU:C:1992:220, paragraph 24; Süzen, C-13/95, EU:C:1997:141, paragraph 14; and Abler and Others, C-340/01, EU:C:2003:629, paragraph 33)."

Engerer kien ingaggat mall-Kumpanija Bay Street Hotel Complex Limited permezz ta' kuntratt ta' mpjieg datat 5 ta' Gunju 2014 bhala Retail Manager liema perjodu ta' kuntratt kien jibda fis-16 ta' Gunju 2014 u jiskadi sena wara.

Engerer kien ingaggat sabiex jahdem fil-hanut 'Bortex', izda waqt dan il-kuntratt huwa ha hsieb flimkien mas-Sur Debono sabiex jifthu hanut iehor bl-isem ta' IQ fil-livell 0 gewwa l-istess stabbiliment li beda jgib id-ditti Bensherman, Nudi Jeans u Alternative Apparel, fejn kien hemm 'supplier' lokali wkoll li kien agent ghal ditta ohra bl-isem ta' 'Scoth and Soda' liema hanut infetah madwar Novembru 2014. L-impjegati kienu minn Bay Street Hotel Complex u l-flus tal-istock hareg mill-fondi ta' Bay Street Hotel Complex.

Engerer kien ha sehem sabiex jigu ngaggati mpjegati ohra gewwa l-istess stabiliment ta' IQ u huwa kien 'in charge' taghhom.

Engerer qal li ghal madwar Frar tas-sena 2015 kien kellmu s-Sur Debono li fejn kien qallu li kellhom hsieb li jifthu t-tieni hanut tal-Bortex li kien faccata tal-hanut tal-Bortex. Dan kien pjanat f'Marzu. F'dak iz-zmien u cioe' bejn Frar u Marzu kien ghen biex tidhol impjegata l-Bortex. F'April kien kellmu s-Sur Debono u qallu li l-Bortex kienu ser jibghatu Manager taghhom biex jopera l-hwienet ta' Bay Street u li huwa ma kienx ser ikollu iktar involvement mall-Bortex, sabiex ikun jista' jiffoka fuq ditti godda ghax xtaqu jifthu xi hwienet godda fejn kien hemm proposti minghand il-Cortefeil u Women's Secret. F'Mejju kien kellmu Debono fejn qallu li vera kuntenti bix-xoghol tieghu u xtaqu li jiehu iktar responsabilita' la ha jifthu l-hwienet il-godda u offrielu promozzjoni ghall-General Manager tar-Retail Division.

David Debono qal li huwa qal lir-rikorrent li huma u Peter Borg u t-tifel tieghu kienu ser jifthu kumpanija kompletament gdida, huwa mhux ser ikompli jaghmel ix-xoghol li kien qieghed jaghmel ta' Shop Manager u ser ikollhom brands godda u staqsieh jekk riedx ikun il-General Manager ta' dik il-Kumpanija. Staqsih jekk riedx jiehu dina l-opportunita', rwol gdid, responsabilitajiet godda u hwienet kompletament godda. Qal li sakemm saret it-transazzjoni baqa' jaghmel xoghol relatat ma' IQ. Qal ukoll illi kien hemm salespersons li kienu mpjegati mall-grupp Bay Street.

Engerer qal li f'Mejju stess tela' Spanja flimkien mas-Sur James Davies, fejn marru jiddiskutu floor plans, logistics tat-transportation tal-ghamara fost affarijiet ohra. Rega' kellmu s-Sur Debono u qallu ha jkun hemm partner iehor fuq ir-Retail Division u dawn il-hwienet ser jinfethu fuq International Fashion Company Limited peress li z-zewg partners ta' Bay Street ser idahhlu t-tielet partner u li l-kuntratt tieghu kien ser isir taht International Fashion Company Limited.[30]

Jirrizulta illi t-trasferiment tal-hanut IQ sar. David Debono fix-xhieda tieghu qal:

> "Il-hwienet tal-International Fashion Company Limited bdew joperaw, jekk miniex sejjer zball, f'Settembru, jigifieri f'July jekk Luke mar jaghmel il-buy, jekk Luke mar jaghmel il-buy kienet parti mit-transazzjoni u l-handover bejn kumpanija u ohra."

Jirrizulta illi meta Engerer iffirma l-kuntratt ta' mpjieg ma' Bay Street Hotel Complex Ltd l-irwol tieghu kien ta' Retail Manager esklussivament mal-hanut li jgib l-isem Bortex.

[30] Xhieda ta' Luke Engerer datata 20 ta' Jannar 2017

Matul dan il-kuntratt ta' mpjieg jirrizulta illi r-rikorrent inghata rwol iehor u cioe' li jiehu hsieb id-ditti l-godda li kienu taht il-hanut IQ.

Fix-xhieda taghha Michelle Hili qalet li hija kienet tahdem bhala Supervisor gewwa l-'Bortex' fejn meta kien fadal 3 xhur sabiex jiskadilha l-kuntratt Engerer kien avvicinaha u qalilha li ma kienx ser jibqa' 'manager' Bortex ghax kien gie appuntat General Manager ghad-ditti l-godda li kienu ser jifthu u kien talabha sabiex tibqa' tghinnu fil-ftuh tal-hwienet l-ohrajn. Kompliet tghid li meta skadilha l-kuntratt hija ffirmat kuntratt gdid ma' Bay Street Hotel Complex fejn xogholha kien li dejjem tirrapporta lill-General Manager, Engerer. Illi fl-affidavit taghha Claire Barbara qalet li hija kienet impjegata mil-1 ta' Novembru 2014 sal-10 t'April 2017 ma' Bay Street Hotel Complex Limited u li l-irwol taghha ta' Supervisor kien li tiddiskuti ma' Engerer rigward dak kollu li jirrigwardja l-hanut IQ.

Ir-rikorrent irrileva illi huwa baqa' jaghmel l-istess xoghol li kien jaghmel meta kien impjegat ma' Bay Street Hotel Complex Limited meta ffirma l-kuntratt ma' International Fashion Company Limited. Mill-kuntratt tax-xoghol esebit minn Michelle Hili jirrizulta li hija baqghet impjegata ta' Bay Street Hotel Complex Limited u rrizulta wkoll illi meta gie ffirmat il-kuntratt esebit datat l-1 ta' Settembru 2015[31] (senjatament il-Job Description) illi hija kellha tirrispondi direttament lir-Retail General Manager. Fl-ebda mument la hi u lanqas Claire Barbara ma qalu illi qabel matul il-perjodu fejn kien ingaggat mall-kumpanija Bay Street Hotel Complex Limited ma kienu jirrispondu lilu. Li ghalhekk l-irwol fil-konfront taghhom jirrizulta illi kien inbidel u cioe' fejn qabel huwa kien jiddiskuti maghhom, mall-iffirmar tat-tieni kuntratt Michelle Hili bdiet tirrispondi lilu.

Jirrizulta li s-socjeta' International Fashion Co Ltd giet irregistrata fis-26 ta' Mejju 2015. Li ma jirrizultax mill-provi huwa meta effettivament sar it-trasferiment tan-Negozju tal-hanut IQ minn Bay Street Hotel Complex Ltd ghall-International Fashion Co Ltd.

Jirrizulta illi Engerer iffirma l-kuntratt ma' International Fashion Co Limited fis-16 ta' Gunju 2015 u cioe' wara d-data li giet irregistrata l-kumpanija. Qabel gie ffirmat tali kuntratt jirrizulta[32] illi Engerer stess innegozja l-pakkett il-gdid mall-Kumpanija International Fashion Co. Limited ghaliex kienu offrewlu pakkett li ma accettahx u wara jumejn jew tlett ijiem offrewlu proposta gdida li hu accetta u gie ffirmat il-kuntratt ta' sena u nofs mas-Socjeta' International Fashion Company.

Hu minnu illi Luke Engerer kien jaghmel xoghol fuq it-tlett ditti li kienu parti mill-hanut IQ meta huwa kien ghadu b'kuntratt ta' mpjieg ma' Bay Street Hotel Complex Limited izda meta hu ffirma l-kuntratt tax-xoghol ma' International Fashion Company Limited huwa assuma l-irwol ta' General Manager Retail, li bihom assuma responsabilitajiet ikbar milli kellu fil-kuntratt precedenti, tant li b'dan l-irwol huwa dahal responsabbli ghal "all store managers, supervisors and sales assistants.[33] Tant kemm kien hekk, talli Engerer meta

[31] A fol 235 et seq

[32] Mix-xhieda ta' Luke Engerer

[33] "9.12 Whether an employee is 'assigned' to an organized group is a question of fact in each case (*Botzen v Rotterdamsche Droogdok Maatschappij).* Factors to be taken into account include the amount of time spent on a particular part of the business, the amount of value given to each part by the employee, the terms of the contract which detail the employee's duties, and how, if at all, the cost to the employer of the employee's services was allocated between the different parts of the employer's business (see *Duncan Web Offset (Maidstone) Ltd v Cooper).* **Further, if an employee works at a particular job on a temporary basis, he has not**

gie nfurmat illi l-kuntratt mhux ser jiggeded minhabba li IQ (flimkien mad-ditti li kienu ghadhom ser jizdiedu mad-ditta li gja kien hemm) ser tghaddi taht kumpanija ohra u rieduh illi jiehu hsieb l-IQ biss u mhux il-Bortex ukoll huwa stess beda jinnegozja l-pakkett li xtaqt bhala kuntratt u jirrizulta li meta l-Kumpanija accettat il-pakket li ried hu ghazel li jiffirma l-kuntratt.

Artikolu 1 fil-kuntratt ta' xoghol ma' Bay Street Hotel Complex Ltd, senjatament it-titolu Duration jghid… " Subject to a performance evaluation which will be carried out towards the end of the contract period, the said contract may be renewed and be replaced by an indefinite contract…". Illi ghalkemm Engerer allega illi qabel ma skada l-kuntratt ta' xoghol li kellu ma' Bay Street Hotel Complex Ltd huwa gie offrut promozzjoni ghall-General Manager Retail fuq l-istess ditta, certament ma jirrizultax illi dan il-kuntratt definit kien ser jigi mgedded u ghalhekk skada mall-gheluq tieghu b'mod naturali.

Jirrizulta li fil-kuntratt definit iffirmat ma' International Fashion Co Ltd, ma hemm l-ebda referenza ghall-kuntratt precedenti, gie miftiehem pakkett gdid, u ghalhekk il-kuntratt miftiehem huwa proprju kuntratt gdid. Barra minn hekk, dan il-kuntratt gie ffirmat wara li skada l-kuntratt definit ma' Bay Street Complex Hotel Limited.

Illi ghalhekk ma jirrizultax li l-irwol ta' Engerer kien parti mit-trasferiment ta' negozju. Engerer kien ben konsapevoli li qed jiffirma kuntratt ta' mpjieg totalment gdid li hu accetta ghaliex kien jaqbel lilu. Ma jkunx gust li issa ghaliex inqala' dan kollu r-rikorrent jittenta jiehu protezzjoni ta' 'transfer of business' meta l-fatti sehhew ferm mod iehor.

**Illi ghalhekk issa t-Tribunal ser jghaddi biex jiddeciedi l-eccezzjoni preliminari dwar jekk ir-rikorrent kellux dritt li jistitwixxi dawn il-proceduri stante li mat-terminazzjoni tal-impjieg tieghu huwa ffirma dikjarazzjoni.**

Illi meta jigi kkunsidrat li l-kuncett ta' rinunzja fid-decizjonijiet nostrali nkluzi dawk fis-sentenzi fl-ismijiet "Peter Busuttil vs Public Broadcasting Services Limited" (A.I.C. (RCP) – 4 ta' Ottubru 2011; "Mary Ciantar vs Ladislao Giuseppe Necolucci" (P.A. (RCP) – 29 ta' April 2010) u "Anthony Scerri v Anthony Cutajar et" (A.I.C. (PS) - 16 ta' Marzu 2005) huwa mibni fuq is-segwenti elementi u cjoe':-

> (1) "La rinunzia ad un diritto, perche' si possa ritenere tale, deve risultare da espressioni chiare ed univoche, e non gia da espressioni generiche". (Kollez. Vol. XXVIII P III p 1154).
>
> (2) "Qualunque rinunzia, non essendo generale e specifica, non riceve che stretta interpretazione, in guisa che in dubbio s' intenda rimesso quanto meno sia possibile" ("Sciberras -vs- Giappone, Qorti Civili, Prim' Awla, 12 ta' Ottubru 1840)".

---

**been 'assigned' to the organized group in question, and thus will be outside the scope of the regulations** (*Securiplan v Bademosi*)"

> (3) "Ir-rinunzji huma di stretto diritto u ghandhom jirrizultaw minn fatti assolutament inkonciljabbli mal-konservazzjoni tad-dritt u li juru l-volonta preciza tarrinunzjant" - "Henry Thake -vs- Carmel sive Lino Borg", Appell, Sede Inferjuri, 25 ta' Novembru 1986.
>
> (4) "In kwantu ghall-ezami dwar in-natura ta' l-att u l-effikacja tieghu biex jopera r-rinunzja, dan l-ezami huwa rimess ghall-apprezzament tal-gudikant, li ghandu jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha li fihom gie kompjut latt" (Kollez. Vol. XXXIV P II p 646).[34]

Skont gurispridenza nostrana,

> "biex il-vjolenza morali tammonta ghall-vizzju tal-kunsens hemm bzonn li tkun determinanti, ingusta u gravi u tali li taghmel impressjoni fuq persuna ragonevoli u li tiggenera l-biza' li tesponi ngustament lill-persuna taghha jew il-gid taghha ghal danni gravi. Il-kwistjoni jekk hemmx vjolenza hija ndagini li hija mhollija nterament fil-prudenza tal-Qorti".[35]

Fil-kawza "Grech vs Farrugia",[36] l-Qorti osservat li l-vjolenza bhala vizzju tal-kunsens irid ikun determinanti u jimmanifesta minacci veri u serji lill-persuna tal-komparenti jew tal-familja tieghu, u qatt ma giet estiza b'mod li tnehhi l-bargaining power li jista' jkollu kontraent fuq iehor.[37]

L-iskrittura ffirmata mir-rikorrent datata l-1 ta' Dicembru 2015 taqra:

> *By means of the present, I the under-signed Luke Engerer (ID No: 350579M) do hereby declare that I have received from International Fashion Company Limited (C-70771) (hereinafter 'the Company') the sum of two thousand and eleven euros and 15c (£2,011.15) in full and final settlement of wages, salaries and bonuses relative to my employment with the Company which was terminated on the 25th November, 2015.*
>
> *I further declare that I have received the said payment in full and final settlement and that I have no further claims and/or pretences of whatsoever nature against the Company.*[38]

La mill-provi prodotti u lanqas mis-sottomissjonijiet maghmula kemm bil-miktub u kemm verbalment ma jirrizulta li r-rikorrent fetah proceduri ghar-rexissjoni tal-iskrittura ffirmata minnu. Lanqas ma jirrizulta li huwa kien ippropona procedura sabiex jimpunja il-validita' ta' tali skrittura, oltre l-kawza odjerna.

[34] L-Onorabbli Qorti tal-Appell, Anthony Carabott vs BIM Limited, deciza 27 ta' Ottubru 2011
[35] Aquilina vs Ganado, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-16 ta' Gunju 1995
[36] Deciza mill-Prim'Awla, Qorti Civili fit-3 ta' Mejju 1993
[37] Busuttil vs Zahra, Prim'Awla, Qorti Civili, deciza 25 ta' Marzu 2004
[38] A fol 35

Ir-rikorrent qal li kien kostrett jiffirma tali skrittura ghaliex meta ltaqa' ma' Edward Agius fit-'terrace' sabiex jigbor il-paga huwa kien qallu li qabel ma jaghtih il-paga jrid jiffirma l-iskrittura 'in Full and Final Settlement'. Ir-rikorrent qal li hu kien qal lil Agius li ma kienx ser jiffirma fejn Agius kien tennielu li jekk ma kienx ser jiffirma ma jistax itih il-paga, u dan ghax dawk kienu l-ordnijiet tieghu. Ir-rikorrent qal li meta qallu li ghadu ma kellux cans, Agius kien irrispondieh mela jistghu jieqfu hemm u jitkellmu darb'ohra. Ir-rikorrent kien iffirma ghaliex kellu bzonn il-flus. Qal li ma kienx spjegalu dwar ir-riperkussjonijiet tal-firma tieghu. Ir-Rikorrent qal li hadd ma sfurzah fizikament sabiex jiffirma l-iskrittura. Qal li hass li kellu pressjoni biex jiffirma ghaliex kien ghadu gej minn vaganza, kellu l-kera, ikel u kontijiet x'ihallas. Dak iz-zmien ma kkonsultax ma' Avukat ghaliex ma kellux.

Illi Edward Agius qal li meta iltaqa' mar-rikorrent sabiex itih l-ahhar paga huwa tah l-iskrittura, r-Rikorrent qraha u qallu li ma jsib l-ebda problema biex jiffirmaha ghaliex ma riedx problemi, ffirmaha, ha c-cekk u telaq. Qal li fl-ebda mument ma qallu li ma riedx jiffirmaha, izda biss li ma riedx problemi mall-Kumpanija.

Anke jekk tigi accettata l-verzjoni tar-rikorrent li kieku ma ffirmax l-iskrittura, Agius ma kienx ser itih il-paga dan it-Tribunal ma jqisx l-agir bhala 'theddida' jew 'pressjoni' fuq il-persuna tar-rikorrent tant li taffetwalu l-kunsens tieghu.

Ir-rikorrent fuq domanda tat-Tribunal xehed:

> Chairman: …. Hassejt li kien hemm pressjoni psikologika fuqek inti?
> Luke Engerer: Le, jiena l-pressjoni finanzjarja kienet fuqi, voldieri.
> Chairman: Le, Le, imma kienet psikologika jigifieri kif qed, kif qed tiddiskrviha?
> Luke Engerer: No, kienet matter of fact, min-naha tieghu, li jekk ma niffirmax dik il-karta mhux ha jtini c-cheque.
> Chairman: Matter of fact. Jew tiffirma jew ma ntikx.
> Luke Engerer: Ma kienx irrabjat, ma konniex qed nargumentaw jew hekk, kienet matter of fact, 'jekk ma tiffirmax dil-karta ma nistax intik il-paga llum.'
> Chairman: Mr. Engerer, ha naghmillek l-ahhar mistoqsija. It-ton, int ghidt li ma kontux qeghdin tiggieldu jew hekk,
> Luke Engerer: Le.
> Chairman: Nixtieqek tifhimni sewwa, jekk joghgbok, was it manicing? Ifhimni.
> Luke Engerer: No.
> Chairman: Il-kelma manicing qed tifhimni x'hini bl-Ingliz?
> Luke Engerer: Ma kienetx manicing. No.
> Chairman: Ma kienx.
> Luke Engerer: Ma kenitx sitwazzjoni komda, ovvjament, ghax qed itini l-ahhar paga, nafu, hdimt mieghu u qalli, 'Jien ma nistax intik il-paga jekk inti ma tiffirmax il-karta llum.'[39]

[39] Xhieda ta' Luke Engerer datata 7 ta' April 2017

Ir-rikorrent spjega li hass **pressjoni** u mhux minaccja. Il-'pressjoni' hekk kif iddeskrivha li hassu r-rikorrent trid tkun **gravi** u **determinanti**[40], b'mod li tinficcja fuq il-kunsens. Irid jirrizulta wkoll illi dak il-kontraent kien f'posizzjoni li ma setax jehles mill-vjolenza jekk mhux billi jiffirma dik l-obbligazzjoni mpoggiha quddiemu. Fil-fehma ta' dan it-Tribunal, li sehh f'dan il-kaz ma ghandux dawn il-karattersitici. Ma kien hemm ebda agir "gravi" u lanqas theddid ta' vjolenza morali fuq ir-Rikorrent, u hu seta' facilment johrog minn dik is-sitwazzjoni li sab ruhu fiha, u l-firma tal-iskrittura bl-ebda mod ma tista' tghid li saret minn persuna li ma kienetx taf x'hini taghmel.

Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Camilleri vs Vella",[41]l-istat ta' l-anzjeta u turbulenza tal-persuna ma jfissirx li l-kunsens ikun vizzjat, ghax fin-nuqqas ta' prova ta' theddida ta' vjolenza fizika impellenti, darba li jirrizulta li l-kontraent kien jaf x'hinu jaghmel, il-kuntratt m'ghandux jithassar.

Ir-rikorrent fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu rrileva:

> 38… qed issa ir-referenza lil kaz Anthony Carabott v BIM Limited fejn il-Qorti tal-Appell sahqet li l-intenzjoni tal-appellant **trid tkun cara u rrevokabbli** li huwa jcedi ghal kollox u jirrinunzja b'mod inekwivoku ghal kull dritt li kellu skont il-ligi li jattakka rraguni ta' terminazzjoni ta' impjieg tieghu. fil-kaz odjern meta wiehed jikkunsidra l-iskrittura private li iffirma Engerer certament li ma jistax jinghad li din kienet l-intenzjoni tal-appellant meta ircievha l-istess skrittura.
>
> 39. In fatti l-iskrittura ta' privata datata 01.12.2015 tghid:
>
> *…in full and final settlement of wages, salaries and bonuses relative to my employment...*
>
> *I further declare that I have received the said payment in full and final settlement and that I have no further claims and/or pretences of whatsoever nature against the Company.*
>
> Din l-iskrittura ma tissodisfax ir-rekwiziti stabiliti mill-Qorti taghna inkwantu mhijiex cara li l-impjegat qieghed jirrinunzja b'mod inekwivoku ghal kull dritt li kellu skond il-ligi li jattakka r-raguni tat-tmiem tal-impjieg tieghu.

Mill-iskrittura jirrizulta car illi ir-rikorrent kien kuntent bl-ahhar paga li rcieva li kellha x'taqsam mall-impjieg tieghu mas-socjeta' International Fashion Company Limited liema mpjieg gie tterminat fil-25 ta' Novembru 2015. Jirrizulta car ukoll li huwa ddikjara li rcieva tali pagament *in full and final settlement* u li m'ghandux pretensjonijiet ulterjuri ta' kwalunkwe natura fil-konfront tal-kumpanija.

[40] Enfasi tat-Tribunal
[41] Deciza fid-9 ta' Gunju 2003

Fic-cirkostanzi, ghalhekk dan it-Tribunal jiddieciedi li r-rikorrent ma rnexxilux jipprova l-elementi ta' vjolenza mehtiega biex jitpogga fid-dubju fil-kunsens li hu mmanifesta fuq l-iskrittura datata 1 ta' Dicembru 2015. In oltre, l-iskrittura hija cara b'dana illi r-rikorrent irrinunzja b'mod inekwivoku ghal kull dritt li seta' kellu skont il-ligi li jivvanta pretensjonijiet fil-konfront tas-socjeta' International Fashion Company Limited ta' kwalunkwe natura nkluz li jattakka r-raguni tat-tmiem tal-impjieg tieghu.

Ghalhekk, it-Tribunal jilqa' t-<u>tieni eccezzjoni</u> preliminari.

**3. In linea preliminari wkoll, s-socjetajiet intimati eccepew ukoll in-nullita' tal-att promotur stante illi jikkontjeni dikjarazzjonijiet ghal kollox skorretti u nveritieri kif ser jigi ampjament pruvat.**

Is-socjetajiet intimati fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom irrilevaw illi:

> … l-esponenti jghaddu issa biex jelenkaw numru ta' skorrettezzi serjissimi illi hemm fir-Rikors promotur li bih l-appellant Engerer fetah dawn il-proceduri, liema skorrettezzi lanpanti jincidu wkoll fuq il-kwistjoni ossija l-eccezzjoni l-ohra illi l-appellant kien ghadu fil-perjodu tal-probation fl-impjieg tieghu mal-employer tieghu Interantional Fashion Co Ltd u ghalhekk f'kull kaz m'ghandu assolutament ebda dritt illi jippromwovu din l-azzjoni ghal tkeccija ingusta.

Ir-rikorrent fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu rrileva illi:

> "… fiz-zmien meta sehh il-kaz ta' Luke Engerer is-socjetajiet International Fashion Company Limited u Bay Street Complex Limited kienu konnessi u kellhom uhud mill-istess diretturi.
>
> Illi l-konnessjonijiet bejn iz-zewg socjetajiet qed tigi kkonfermata anke mnn Edward Agius, fejn in kontro-ezami huwa jghid li nofs id-diretturi huma l-istess u jikkonfermaw li Bay Street Operation Limited hija azzjonista ta' Bay Street Hotel Complex Limited. Davvid Debono fil-kontro-ezami tieghu kollu jikkonferma li hemm konnessjoni bejn is-socjetajiet Bay Street Hotel Complex Limited u International Fashion Company Limited.
>
> Isegwi minn dan, li meta Luke Engerer gie trasferit minn Bay Street Hotel Complex ghal International Fashion Company Limited il-management tal-istess socjeta', b'malizzja u ingustizzja sforza lil Luke Engerer jerga' jibda jahdem il-probation biex imbaghad ikunu jistghu ikeccuh b'mod ingust".

It-Tribunal hekk kif kompost ghalkemm ma kellux l-opportunita' li jisma lill-partijiet huwa, seta' mill-provi jevalwa x-xhieda kollha flimkien mad-dokumenti esebiti mill-partijiet u t-trattazzjoni kemm verbali u kemm bil-miktub tal-istess partijiet.

Ir-rikorrent qal illi ma kienx car ma' min kien impjegat u dana spjegah billi tella' xhieda u esebixxa dokumenti sabiex isostni dan. Barra minn hekk ir-rikorrent spjega d-dinamika ta' kif graw l-affarijiet min-naha tieghu, hekk kif ghamlu wkoll is-socjetajiet intimati.

Ghaldaqstant, <u>jichad it-tielet eccezzjoni preliminari tas-socjetajiet intimati</u>.

4. **It-Tribunal issa ser jghaddi biex jiddeciedi fuq it-talba tar-rikorrent, Luke Engerer fejn talab lit-Tribunal sabiex jiddikjara li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-istess Luke Engerer saret bi ksur tal-ligi u b'hekk tiffissa kumpens adegwat minhabba tali terminazzjoni ngusta.**

Ir-rikorrent espona li meta gie ngaggat mall-kumpanija International Fashion Company Limited, ma kienx kuntratt gdid izda l-ingagg tieghu kien transferiment meta sar it-trasferiment tan-negozju minghand is-socjeta' Bay Street Hotel Complex Limited tal-parti tan-negozju li kien jinvolvi id-ditti tal-hanut ta' IQ. Illi ghalhekk, il-klawsola tal-probation ma kienetx tapplika ghaliex l-impjieg tieghu ma' International Fashion Company Limited huwa ta' natura kontinwa.

It-Tribunal ma jaqbilx li l-impjieg tar-rikorrent jaqa' taht it-trasferiment tan-negozju, hekk kif gja spegat iktar 'il fuq. Ghalhekk it-Tribunal qed jirriproduci in sintenzi l-hsieb tieghu:

1. Il-kuntratt ta' mpjieg definit ta' sena ma' Bay Street Hotel Complex skada u ma rrizultax illi kien dan il-kuntratt kien ser jerga' jigi mgedded, skont il-klawsoli fl-istess kuntratt ta' xoghol senjatament artikolu 1.
2. Kien infurmat minn Debono li kien ser jigi ffirmat kuntratt gdid ma' International Fashion Company Limited u kien anke qallu min kienu ser ikunu d-diretturi;
3. Kien infurmat minn Debono li ser ikollu rwol iehor u responsabilitajiet godda;
4. It-Tribunal ma huwiex konvint li r-rikorrent ma kienx konxju li qed jiffirma kuntratt differenti bi rwoli godda oltre l-impjieg li gja kellu ma' Bay Street Hotel Complex Limited;
5. Tant kemm kien hekk talli huwa stess kien innegozja l-kuntratt li kien ser jiffirma ma' International Fashion Company Limited u sahansitra l-kumpanija accettat il-pakkett kif propost minn Engerer stess;[42]
6. Illi l-irwol, ir-responsabilitajiet u kundizzjonijiet senjatament paga, parkegg, minn fejn ser jibda jahdem, lil min irid jirrispondi, fejn jipparkja, ufficcju gdid, terminu itwal mill-kuntratt precedenti huma kompletament differenti u dan jirrizulta ampjament miz-zewg kuntratti ezebiti.
7. Illi ghalhekk il-kuntratt iffirmat mas-Socjeta' International Fashional Company Limited huwa kuntratt gdid u differenti minn ta' qablu.

Barra minn hekk r-rikorrent iffirma skrittura li parti minnha taqra:

> I further declare that I have received the said payment in full and final settlement and that I have no further claims and/or pretences of whatsoever nature against the Company.

[42] Xhieda Luke Engerer

Fil-fehma tat-Tribunal, u kif spjegat iktar 'il fuq, il-kliem hawn fuq citati huma **cari** u **inekwivoci** u mall-iffirmar ta' dik l-iskrittura r-rikorrent iddikjara illi m'ghandux iktar pretensjonijiet ta' kwalunkwe natura fil-konfront tas-socjeta'.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jiddisponi mill-kawza billi:

Jillibera mill-osservanza tal-gudizzju lis-socjetajiet Bay Street Holdings Limited, Bay Street Hotel Complex u Bay Street Operations Limited.

Jichad it-talba tar-rikorrent.

Jichad l-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet preliminari filwaqt li jilqa' t-tieni eccezzjoni preliminari kif ukoll l-eccezzjonijiet rimanenti tas-socjetajiet intimati.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

Ghall-iskopijiet tal-artiklu 78 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad illi dan il-kaz ma setax jigi deciz fiz-zmien moghti bil-Ligi minhabba differimenti u ragunijiet amministrattivi.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
**Dr Marouska Debono**
**Chairperson**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**